IR-RABA' KTIEB
TAL-GHAXAR SENA

DICEMBRU
1934

# IL-MALTI

QARI

LI TOHROĠ

*IL-GħAQDA TAL-KITTIEBA TAL-MALTI*

KULL TLIET XHUR

XFIH DAN IL-GħADD

Wara Għaxar Snin — Il-Milied (T.Z.) — Poeżija Maltija fi Lsien Barrani — Verbi bil-*għ* fil-bidu u Verbi bil-*għ* jew *h* fin-nofs (F. S. Caruana) — April (R. P.) — Żwieġ mhux mitmum (Dun Pawl) — Marsa Mxetta (C. L. Dessoulavy)—Mikiel Anton Vassalli (A. C.) — Lil Marija (Dun Karm)—It-tieni Safra ta' Sandabad il-Baħri (Saydon) —Fl-Antipodi (KanG.M. Farrugia) — Iċ-ċurkett tat-Tieġ (P.P.T.) — Il-Presepju u s-Salib (Dun Karm) — Għajdut Malti (V.M.B.) — X'waslilna.

# IL-MALTI

QARI LI TOHROĠ *IL-GĦAQDA TAL-KITTIEBA TAL-MALTI*

R-RABA' KTIEB TA' L-1934

## WARA GHAXAR SNIN.

B'dan il-għadd, ir-Rivista tagħna tagħlaq għaxar snin; ħajja sabiħa għal publikazzjoni letterarja bil-malti, għaliex ħutha ta' qbilha min twieled għaxi u miet ħesrem, u min twieled sewwa, iżda billi rikeb xi mard, jew ma kienx mirfud, miet qasir-il-għomor ukoll, ingħidu aħna bejn is-sentejn u t-tliet snin. Mela għandna biex nifirħu.

U mhux għal dan biss għandna l-jedd għall-ferħ, iżda wkoll għaliex f'dawn il-għaxar snin ir-Rivista tagħna kienet dejjem mogħnija bi proża u b'versi li kienu joqogħdu tajjeb f'kull Rivista letterarja barranija; ara kemm hu hekk illi ħafna għorrief u kittieba ta' pajjiżi kbar, imdorrijin b'Rivisti tal-għaġeb f'idejhom, ma stmerrewx jaqrawhom, jifluhom, jifhmuhom, jitkellmu fuqhom, jikkritikawhom u saħansitra jaqilbuhom fl-ilsna tagħhom.

Anqas dan biss ma hu li jfarraġna u jferraħna. Il-Għaqda, xirka letterarja maltija, ħatret għaliha alfabett mibni fuq sisien tajba, għaliex imqegħdin mill-aħjar orjentalisti, u fuqu bniet l-ewwel nett il-grammatka u l-ortografija tagħha, imbagħad il-kitba kollha li ma' tul dawn il-għaxar snin dehru fir-Rivista tagħha: *Il-Malti.* U mingħajr ħafna daqq ta' trombi, mingħajr wegħdiet kbar, mingħajr qatt ma ttallabna xejn, jew żegħilna b' xi ħadd, jew ħanninna, sibna niesgħaqlin li fehmuna u tawna l-wiċċ. Oħrajn, ingħi-

ḋuh ukoll b' qalbna f' idejna ma fehmuniex, jew ma ridux jifhmuna, u tawna l-ġenb: qatt iżda ma naqsitna l-qalb anqas il-ħila u bqajna mixjin b' dik il-ħeġġa li biha tlaqna, u bit-tama qawwija li fl-aħħar iżernaq il-jum tar-rebħa.

Din is-sena—il-għaxar sena tal-Għaqda u tar-Rivista tagħha — ġiebet riħ tajjeb: mijiet li ma kinux jaqblu magħna, għax ma kinux ħadu ħsieb jifhmuna, il-lum raw kemm hu għaqli, kemm hu sħiħ u kemm hu ħafif l-alfabett tagħna, u ħaddnuh bil-ferħa.

Għalhekk fraħna f' għeluq il-għaxar snin tar-Rivista *Il-Malti*. U jekk, kif inhì t-tama tagħna, din ix-xejra sabiħa ta' mħabba għal-lsien malti u ta' rabta ma' l-alfabett tal-Għaqda tibqa' tikber, tissaħħaħ u titwettaq kif inhì tagħmel il-lum, qabel ħafna snin oħra nkunu nistgħu ngħidu li hawn ilsien miktub b'alfabett sod u qawwi daqs kemm hu raġunat u ħafif.

# ĠL-MILIED

Tista' tgħid li l-Insara kollha jinħassu l-aktar miġbuda lejn Ġesù, il-Feddej, minn dak li tgħallimna l-Knisja Mqaddsa fuq it-twelid tiegħu, fil-faqar u f' rokna ta' għar imwarrab ta' Betlehem. In-nies aktar lemħet il-qdusija ta' Ġesù, mita ried jidher fqir fi twelidu, milli meta wera ruħu bħala mgħallem tal-ġnus, meta xerred it-twemmin tal-ħajja l-ġdida minn kulfejn għadda, meta għamel l-akbar għeġubijiet, meta fixkel il-għerf tas-sinagogi u mita ta ruħu f'idejn l-għedewwa li qerduh. Il-Milied jiġbor fih il-kobor kollu ta' Sidna Ġesù, għax kulħadd jifhem li s-sultan tal-ħlejjaq kollha ried jitwieled f'maqjel, biex juri l-imħabba tiegħu u jfisser li l-faqar m'hux u la dnub u l-anqas għar.

Kulħadd fehem dan, hekk il-għorrief kemm in-nies it-twajba u ta' qalbhom safja għax tarbija mibgħuta missema riedet titwieled fuq qabda ħuxlief mita setgħet titwieled f'palazz qalb il-ġid u kulma trodd id-dinja.

Għalhekk l-akbar pitturi fittxew iħożżu t-twelid ta' Ġesù fil-għar ta' Betlehem fl-aħjar kwadri tagħhom li l-lum jinsabu fl-aqwa palazzi u l-aqwa mużej tad-dinja. It-twelid ta' Ġesù, il-Milied Imqaddes, b'ommu Marija u San Ġużepp, u r-ragħajja u l-bhejjem tagħhom xerrdu ma' kullimkien il-ġrajja miktuba fil-kotba mqaddsa.

Barra mix-xogħol tal-pitturi fid-djar tal-għonja, il-poplu għaraf ifakkar lit-tfal u lin-nies ta' moħħhom qasir billi juri kull sena t-twelid ta' Kristu fil-Presepju maħdum, tista' tgħid, bla ebda sengħa iżda li jiswa daqs l-aqwa pittura ta' l-akbar artist li qatt deher.

U għall-Presepju jitħajjar kulħadd, il-fqir u l-għani, it-tifel u r-raġel, ix-xebba u l-miżżewġa. Kien hemm xi żmien illi Presepji l-aktar sbieħ u għonja li kienu jiswew flejjes kbar kienu jsiru u jinżammu biex in-nies tarahom. Il-lum ma jintilfux wisq flus fiż-żina imma Presepji jsiru u n-nies dejjem tħobb tarahom daqs mita kienu jsiru sbieħ kif għidna.

Kemm tfal il-lum malli joqrob Diċembru jaħsbu għall-Presepju ! x'aktar l-ewwel xewqa jkun qatagħha t-tifel meta ommu tixtrilu bambin żgħir tax-xama', ikun għadu bilkemm telaq jimxi. Dak ikun merfugħ f'kaxxa u

s-sena ta' wara jerġa' joħroġ u ommu tkun tħajru inibbet quddiemu f'bieqja, platt jew sjun, qabda xgħir fuq ftit tajjar niedi miżmum fid-dlam biex jibqa' abjad u ma jiħdarx bid-dawl tax-xemx. Sena wara, it-tifel ikun irid il-grotta, il-għar ta' Betlehem, biex fih iqiegħed lill-bambin u jixgħel quddiemu xemgħa jew musbieħ. Is-sena ta' wara jkun irid igħammar il-għar, San Ġużepp u l-Madonna l-ewwel nies, imbagħad jaħseb biex ikabbar il-grotta u jwassa' l-blat biex jimla' kaxxa kbira li ssir il quddiem Presepju suret in-nies. U hekk dejjem sar malli t-tifel beda jisma' l-priedki u jaqra l-kotba tal-Knisja u jifhem x'għid kbir kien dak li fih twieled Iben Alla u kif kulħadd u kollox qam ferħan dak in-nhar għax il-bniedem sab min jaqbeż għalih biex jeħelsu mill-jasar tad-dnub ewlieni ta' Adam maħluq bla ħtija.

U sold wara l-ieħor il-pasturi żdiedu, ir-ragħajja, il-bhejjem tagħhom, l-imgħaġġeb għarkubtejh, bil-kappell f'idu u dirgħajh miftuħa, mistagħġeb b'dak li qe'd jara fil-għar imdawwal bid-dawl safi tas-sema. Il-għannejja fil-bogħod ifiġġu minn qalb il-blat imgħannqin bħal aħwa għax ir-re tas-Sliem kien twieled, id-daqqaqa taż-żaqq u tat-tabal li ħarġu jnebbħu n-nies b'dak li kien ġara. Il-furnara nieżla mill-midħna biċ-ċurniena tad-dqieq fuq rasha biex tagħmel il-għaġna u ssawwar il-ftajjar għal dak il-għid, biex it-tfal jifirħu u l-foqra jitfarrġu. U hekk il-Presepju jsir mera tal-Fidi Nisranija, imħabba bejn il-ġirien u l-egħdewwa, bejn il-qraba u għorba.

U l-Presepju jiġbed in-nies tal-ħâra kollha: it-tfal jixxabbtu biex jaraw bejn in-nies miġbura; in-nisa għarkubtejhom itawlu għonqhom biex jaraw dik il-ħlewwa ta' tarbija tax-xama' donnha se ttir bil-ferħ lejn ħdan ommha. Irġiel bil-wieqfa jittawlu qajl qajl u jgħidu f' qalbhom xi talba u baxx baxx inewlu xi sold fil-kannestru għaż-żejt jew għax-xama' tal-Presepju. Ħaġa tal-għaġeb, ftit blat tal-kartapesta, erbat idjar tal-kartun, qabda pasturi ta' sitt ħabbiet il-wieħed, sitt xemgħat fl-irkejjen, u ftit bċejjeċ tal-ħġieġ il hawn u 'l hinn. Ħaġa ta' xejn, iżda kollox flimkien priedka ħelwa u ta' fejda kbira li tidħol fil-qalb u ġġib id-dmugħ fuq xfar il-għajnejn. Ix-xahar kollu tibqa' n-nies issemmi l-Presepju ta' Salvinu, x'għaqal ta' tifel, kemm ħaseb għal ħwejjeġ, ma temminx daqsxejn ta' qaswit għadu jmur l-iskola. Kollox fih dak in-

nitfa ta' Presepju: u dak il-bambin mnejn kisbu? xi ħlewwa ta' tfajjel, x' wiċċ ta' qdusija dik il-Madonna, fejn sabha? Ftit rajna bħalu dal-Presepju; mindu, Alla jaħfirlu, miet Indrì ta' Valent qatt ma rajna bħalu, Presepju bħal dan! Tassew ma mortx taraħ, Manann? Bu għalik, mur il-lejla wara l-għasar malli jkun xegħlu, u ħu lil Dedina għax tibqa' tiftakar, ruħi binti. Ara li ma tonqosx!

Igħidu li għat-Tre-rè għandu jżid l-iġmla u t-tliet slaten Magi. Jien żgur narġa' mmur u narġa' nieħu lit-tfal għax tilfu għaqalhom fuqu, dal-Presepju, u għandhom biex, narġa' ngħidlek. Idejh imbierka, dak Salvinu, għandu biex jiftaħar missieru, kulma jaraw għajnejh jagħmlu idejh, Alla jħarsu minn kull għajn. Dak saċerdot għad narawh jekk Alla jisilfu l-għomor! għax minn fil-għodu tidher il-ġurnata.

T. Z.

# POEŻIJA MALTIJA FI LSIEN BARRANI

Kull Malti li jħobb minn qalbu l-ilsien ta' pajjiżu, naħseb li jifraħ b' kull ġieħ li jingħatalu minn barranin, għaliex dan il-ġieħ, meta jkun mogħti minn nies għorrief u għaqlija, juri li l-lsien malti, għalkemm fil-bidu tal-letteratura tiegħu, għandu setgħet qawwija li bihom jista' jikber, jissaħħaħ, jisbieħ.

Naħseb li jifraħ iżjed, meta jara xi kitba maltija, sewwa proża, u sewwa versi, maqluba f' ilsna oħra u magħrufa minn nies barranin. Jitgħaxxaq iktar, imbagħad, jekk ikun jaf illi dik il-kitba maqluba fi lsien barrani, ingħoġbot u qalgħet tifħir minn min ma għandu l-ebda raġun fiex ifaħħar, ħlief is-sewwa.

F'dan is-sens u b'din it-tama sejjer il-lum inġib waħda mill-poeżijiet ewlenin tiegħi maqluba fl-Ispanjol minn

wieħed ħabib tal-malti, li għadda xi żmien fi Granada minn fejn bagħatli l-versi li jidhru haw' taħt, b' din id-daqsxejn ta'

N.B.—" Jaħfirli l-maħbub tagħna Prof. Dun Karm jekk għarraqtlu s-sbuħija wil-ħlewwa tal-poeżija tiegħu. Ma xtajtx infissirha aħjar bil-lsien spanjol. Madankollu kulħadd hawnhekk tgħaxxaq biha. Tislijiet minn qiegħ qalbi.

. . . . . . . .

# IL-VJATKU.

Kollox dlam ċappa: żiffa kiesħa tvenven
Ġox-xquq tat-twieqi, w fuq iż-żġieg imsakkar
Ix-xita rqiqa bla ma tehda ttektek,
U minn l-imwieżeb

L-ilma jċarċar fit-toroq. Fuq iż-żlieġa
Ta' l-art imxarrba 'l hawn u 'l hinn tinkiser
Id-dija ħamra tal-fanali w donnha
Għar-rqad tistiednek.

Kemm tmedd il-ħarsa ħadd ma jidher barra.
Xi waqt jinsama' mixi mgħaġġel; tgħaddi
Xbieha sewda fit-triq u tgħib; xi roti
Fil-bogħ'd igergru.

Fil-ħin nisma' kemm kemm leħen qampiena:
—Drajtu biż-żejjed dak il-leħen—: jersaq
U kulma jmur jitqawwa. F'daqqa waħda
Nilmaħ jitħarrku

Xi dawl, tnejn tnejn... riesqin. . man-naħa l-waħda
U ma' l-oħra tat-triq jitqassmu: jħaffu,
Quddiem, it-tfal: fin-nofs tmewweġ u tħammar
Bandiera ċkejkna.

# ESCENAS MALTESAS !

*Pasa el viático en una noche obscura de invierno !*
*Traducción del Maltés al Castellano, de las poesîas del poeta maltês* Prof. Don C. Psaila.

## " EL VIÁTICO "

Cerró la noche ya... helada sopla
Entre las grietas la nocturna brisa,
Y las vidrieras de las mudas casas
hiere la lluvia

Fina y constante; de las tejas cae
Y baña el agua las disiertas calles;
De los faroles se desprende en chispas
la luz rojiza.

De muerte reina soledad y calma....
Rápidos pasos de vjajero ignoto
A veces se oyen.... Una sombra negra
cruza ligera.

Dulce un sonido a mis oïdos viene
De campanilla que de lejos toca;
Ya la conozco... ya se acerca y clara
rompe el silencio.

Y ya en el fondo de la calle miro,
como se acercan dos a dos las luzes,
que llevan niños... Desplegada al frente
se agita al viento

Roja bandera; más y más se acercan...
Ya el canto se oye de dulzura lleno
Del pueblo humilde que devoto sigue
al Dios de amores.

Qegħdin joqorbu sew... beda jinsama'
Il-leħen tal-qassis u tan-nies: jidhru
Id-dwal fit-twieqi, wara ż-żgieġ, u f'nofshom
Nies għar-rkobtejhom.

Għaddej Ġesù.... bil-lejl... fir-riħ, fix-xita!
Kollu ħniena w mogħdrija, kollu mħabba:
Sejjer iqawwi l-qalb u r-ruħ ta' msejken
Fl-aħħar taqbida.

Nistħajjel miegħu għaddejjin, moħbija
Għall-għajnejn tal-bnedmin, anġli bil-qtajja,
U Lilu jfaħħru li f'daqsxejn ħobż abjad
Il-kobor tiegħu

Għalaq u ħeba, w b'għira mqaddsa jżiġġu
Għall-hena ta' min bih jixba' w jitwettaq.
Għadda Ġesù... warajh baqgħet bħal fwieħa
Ħelwa tal-ġenna.

Oh tagħlim il-Fiddej! Oh Emna mqaddsa!
Kemm intom sbieħ! Kemm fikom għerf tas-sema!
Oh Tjieba ta' bla tarf, int biss stajt tagħmel
Da' l-ġenn ta' mħabba!

Deh, meta l-jiem ta' din il-ħajja jkunu
Għalija waslu biex jintemmu, w mdejjaq
Taħt il-ħakma tal-mewt, kollu nistħajlu
Ħolma l-imgħoddi,

Ikun bil-lejl, ikun bin-nhar; fix-xitwa
Jew fil-qilla tas-sajf; hekk, ja Mulejja,
Ejja żûrni, bit-tfal tnejn tnejn, bil-leħen
Li jitlob ħniena.

L-aħħar Ħabib, ejja ġo' sidri w qiegħed
Qalbek fuq qalbi w minn kull dnub saffiha:
Miegħek mgħannaq, Ġesù, naqbad bla biża'
It-triq ta' dejjem.

DUN KARM

Tras de los vidrios de las mudas casas
Arde la llama de una debil vela;
Junto a sus hijos la piadosa madre
ora en silencio.

Pasa Jesús... en las tinieblas densas
Del triste invierno, cuando sopla el viento
Helado y frio y en menudas gotas
la lluvia cae.

Al muribundo en la postrera lucha
Contro la muerte, presuroso acude,
Y fuerzas lleva al corazòn que gime
padece y muere.

Paréceme que vuela entorno suyo
A los mortales ojos escondida,
Multitud de querubes que celebran
al Dios que encubre,

En pan blanco y pequeño, su grandeza...
Pasó Jesús... en su triunfal carrera
Un dulce aroma el aire denso llena-..
que inunda el alma.

Qué hermosos sois oh fé y doctrina santa
De nuestra redención! Oh Bondad sabia,
Te solo del amor esa locura
crear pudiste!

Ah! Cuando toquen a su fín mis días
Y entre amarguras de mortal congoja
Triste me agite, y me aparezca sombra...
sueño el pasado,

Ya sea ardiente estío o crudo invierno,
Noche o día, Señor, vé a visitarme,
De niños escoltando y entre el canto
que piedad ruega!

Ven a mi pecho, ven ultimo amigo,
Limpia mi corazon, únele al tuyo;
Con tí abrazado correré sin miedo,
la eterna vía.

. . . . . . .

# VERBI BIL-*GĦ* FIL-BIDU
# U VERBI BIL-*GĦ* JEW *H* FIN-NOFS

Wara li ġibna żewġ listi ta' Verbi maltin: verbi bil-*għ* fl-aħħar u verbi *neqsin*, biex wieħed jista' jara u jagħżel sura waħda ta' verbi mis-sura l-oħra, issa qegħdin inġibu żewġ listi oħra ta' verbi maltin biex, flimkien ma' ta' qabel, ikunu ta' għajnuna lil min irid jikteb tajjeb;—biex tista' tikteb tajjeb il-kelma trid issib il-għerq tagħha u dawn il-listi jiswew ħafna biex tagħraf il-qagħda tal-konsonanti tal-għerq tal-kelma u l-iżjed jekk fil-għerq ta' dik il-kelma tinsabx, jew fejn tinsab, il-konsonanti *għ*.

Dawn il-listi huma :—

1 Verbi bil-*għ* bħala l-ewwel konsonanti

2 Verbi bil-*għ* jew bil-*h* bħala t-tieni konsonanti.

Bħal-lista l-oħra ġibna mhux biss is-sura ewlenija iżda wkoll is suriet l-oħra mnissla minnha u qassamnihom f'kolonni l-istess bħal tad-darba l-oħra.

F. S. CARUANA

# VERBI BIL-*GĦ* BĦALA L-EWWEL KONSONANTI

| a | | b | c | d | e | f | ġ |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| GĦÂB | *to vanish* | għajjeb | | | tgħajjeb | | |
| GĦÂD | *to say* | | | ngħad | | | |
| GĦÂM | *to swim* | għawwem | | | tgħawwem | | |
| GĦÂN | *to help* | għajjen | | | tgħajjen | | stgħan |
| GĦÂR | *to envy* | | | | | | |
| GĦÂX | *to live* | għajjex | | | tgħajjex | | |
| — | *to load* | GĦaBBa | | | tgħabba | | |
| — | *to cover with [dust* | GĦaBBaR | | | tgħabbar | | |
| — | *to dazzle* | GĦaBBeX | | | | | |
| GĦaDD | *to count* | | | ngħadd | | | |
| — | *to pass* | GĦaDDa | | | tgħadda | | |
| GĦaDaB | *to get angry* | għaddeb | | | tgħaddeb | | |
| — | *to render bony* | GĦaDDaM | | | tgħaddam | | |
| GĦaDeR | *to excuse* | | | ngħader | | | |
| — | *to overflow* | GĦaDDaR | | | | | stagħdar |
| GĦoDoS | *to dive under water* | għaddes | | | tgħaddes | | |
| — | *to press* | GĦaFFeĠ | | | tgħaffeġ | | |
| GĦaFaS | *to press* | għaffas | | ngħafas | tgħaffas | | |
| GĦoĠoB | *to please* | għaġġeb | | ngħoġob | tgħaġġeb | | stagħġeb |
| — | *to hasten* | GĦaĠĠeL | | | | | |
| GĦaĠeN | *to knead* | | | ngħaġen | | | |
| — | *to make old* | GĦaĠĠeŻ | | | tgħaġġeż | | |
| GĦeJA | *to tire* | għajja | | | | | |
| — | *to mock* | GĦaJJeB | | | tgħajjeb | | |

| a | | b | c | d | e | f | g |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| — | *to bewitch* | GĦaJJeN | | | tgħajjen | | |
| — | *to call names* | GĦaJJaR | | | tgħajjar | | |
| — | *to call* | GĦaJJaT | | | | | |
| — | *to live idly* | GĦaKKaR | | | tgħakkar | | |
| GĦoKoS | *to get feeble* | għakkes | | ngħokos | tgħakkes | | |
| GĦeLa | *to boil*<br>*to grieve* | għalla | | | tgħalla | | |
| GĦoLa | *to raise* | għolla | | | tgħalla | | |
| GĦoLa | *to grow dear* | għalla | | | | | |
| — | *to have the profit* | | | | | | stGĦaLL |
| GĦaLeB | *to overcome* | | | ngħaleb | | | |
| GĦoLoB | *to grow lean* | għalleb | | | | | |
| GĦaLeF | *to feed* | | | ngħalef | | | |
| — | *to fertilize* | GĦaLLeL | | | | | |
| — | *to instruct* | GĦaLLeM | | | tgħallem | | |
| GĦaLaQ | *to close* | għallaq | | ngħalaq | tgħallaq | | |
| GĦiLeT | *to err* | għallet | | | tgħallet | | |
| GĦeMa | *to grow blind* | | | | | | |
| — | *to blindfold* | GĦaMMaD | | | tgħammad | | |
| — | *to baptize* | GĦaMMeD | | | tgħammed | | |
| GĦaMeL | *to do—to make* | | | ngħamel | | | |
| — | *to inhabit* | GĦaMMaR | | | tgħammar | | |
| GĦaMeS | *to submerg* | għammes | | | | | |
| — | *to see with half*<br>*shut ayes* | GĦaMMeX | | | tgħammex | | |
| GĦaMeŻ | *to wink* | għammeż | | | tgħammeż | | |

| a | | b | c | d | e | f | g |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| GĦeNa | *to enrich* | | | | | | stagħna |
| — | *to sing* | GĦaNNa | | | tgħanna | | |
| — | *to embrance* | GĦaNNaQ | | | tgħannaq | | |
| GĦaQaD | *to congeal* | għaqqad | | ngħaqad | tgħaqqad | | |
| — | *to teach sence* | GĦaQQaL | | | tgħaqqal | | |
| GĦeRa | *to be naked* | | | | | | |
| GĦaRaF | *to know* *to recognise* | għarraf | | ngħaraf | tgħarraf | | |
| GĦoRoK | *to rub* | | | ngħorok | | | |
| — | *to heap up* | GĦaRRaM | | | tgħarram | | |
| GĦeReQ | *to sweat* | | | | | | |
| GĦeReQ | *to drown* | għarraq | | | tgħarraq | | |
| — | *to marry* | GĦaRRaS | | | tgħarras | | |
| — | *to replant* | GĦaRRaS | | | tgħarras | | |
| GĦoRoX | *to go lame* | | | | | | |
| — | *to look spying* | GĦaRReX | | | tgħarrex | | |
| — | *to knead* | GĦaSSeD | | | | | |
| — | *to produce honey* | GĦaSSeL | | | | | |
| GĦaSaR | *to squeeze* | | | ngħasar | | | |
| — | *to watch* | GĦaSSeS | | | | | |
| (GĦa)Ta | *to give* | | | ngħata | | | |
| — | *to cover* | GĦaTTa | | | tgħatta | | |
| GĦoToB | *to become cripped* | għattab | | | | | |
| — | *to visit often* | GĦaTTeB | | | | | |
| — | *to crush* | GĦaTTaN | | | tgħattan | | |
| GĦaTaR | *to strumble* | għattar | | | | | |

| a | | b | c | d | e | f | g |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| GĦaTaS | *to sneeze* | għattas | | | | | |
| GĦeWa | *to instigate* | għawwa | | ngħewa | tgħawwa | | |
| — | *to bend* | GĦaWWeĠ | | | tgħawweġ | | |
| — | *to dig up* | GĦaWWaR | | | tgħawwar | | |
| GĦoXa | *to faint* | għaxxa | | | | | |
| — | *to give supper* | GĦaXXa | | | tgħaxxa | | |
| — | *to delight* | GĦaXXaQ | | | tgħaxxaq | | |
| — | *to nestle* | GĦaXXeX | | | tgħaxxex | | |
| GĦaŻeL | *to divide* | | | ngħażel | | | |
| GĦaŻeL | *to spin* | għażżel | | ngħażel | tgħażżel | | |
| — | *to make idle* | GĦaŻŻeN | | | tgħażżen | | |
| GĦaŻaQ | *to dig* | | | ngħażaq | | | |
| — | *to gnash* | GĦaŻŻeŻ | | | tgħażżeż | | |



## *Ta' Erba' Konsonanti*

| | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| GĦaRBeL | *to sift* | | | | tgħarbel | | |
| GĦaR-GĦaR | *to gurgle* | | | | tgħargħar | | |
| GĦaR-GĦaX | *to tickle* | | | | tgħargħax | | |
| GĦaR-WeL | *to swarm* | | | | | | |
| GĦaR-WeN | *to nake* | | | | tgħarwen | | |
| GĦoSFoR | *to vanish* | | | | | | |

| a | | b | c | d | e | f | g |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| BaGĦaD | *to hate* | | biegħed | nbagħad | | | |
| — | *to send far* | | BieGĦeD | | tbiegħed | | |
| BaGĦaT | *to send* | | | nbagħat | | | |
| DaGĦa | *to blaspheme* | | | | | | |
| — | *to curl* | | ĠieGĦeD | | tġiegħed | | |
| — | *to induce* | | ĠieGĦeL | | | | |
| LaGĦaB | *to play* | | | | tliegħeb | | |
| — | *to foam* | | LieGĦeB | | tliegħeb | | |
| LaGĦaQ | *to lick* | | liegħeq | nlagħaq | tliegħeq | | |
| MaGĦaD | *to chew* | | miegħed | | tmiegħed | | |
| — | *to rub* | | MieGĦeK | | tmiegħek | | |
| MeGĦeR | *to criticise* | | miegħer | | tmiegħer | | |
| — | *to turn to a/c* | | MieGĦeX | | tmiegħex | | |
| NaGĦa | *to howl* | | niegħa | | tniegħa | | |
| — | *to shoe* | | NieGĦeL | | tniegħel | | |
| NaGĦaS | *to doze* | | niegħes | | tniegħes | | |
| QaGĦaD | *to stay* | | qiegħed | | tqiegħed | | |
| RaGĦa | *to graze* | | | | | | |
| RaGĦa | *to foam* | | | | | | |
| — | *to be greedy* | | RieGĦeB | | | | |
| — | *to shake* | | RieGĦeD | | triegħed | rtogħod | |
| RaGĦaX | *to blush* | | riegħex | | triegħex | | |
| SoGĦoB | *to repent* | | | | | | |
| SoGĦoL | *to cough* | | | | | | |
| TaGĦaM | *to taste* | | tiegħem | ntegħem | ttiegħem | | |
| WeGĦeD | *to promise* | | wiegħed | | twiegħed | | |

| a | | b | c | d | e | f | ġ |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| — | *to hinder* | | WieGĦeR | | twiegħer | | |
| XeGĦeB | *to divert* | | xiegħeb | nxegħeb | | | |
| XoGĦoF | *to repent* | | xiegħef | | | | |
| XeGĦeL | *to light* | | | nxegħel | txiegħel | xtegħel | |
| XeGĦeR | *to chink* | | xiegħer | | | | |
| ZeGĦeD | *to produce quantity* | | | nżegħed | tżiegħed | | |
| — | *to caress* | | ZieGĦeL | | | | |
| DeHa | *to be busy* | | | | | | |
| DeHeR | *to appear* | | | | | | |
| DeHeX | *to be started* | | diehex | ndehex | | | |
| | *to gilt* | | DieHeB | | | | |
| FeHeM | *to unedrstand* | | fiehem | nfehem | tfiehem | ftehem | |
| — | *to furnish a dowry to a bride* | | ĠieHeŻ | | | | |
| LeHeĠ | *to breath with difficulty* | | lieheġ | | tlieheġ | | |
| LeHeM | *to inspire* | | | | | | |
| NeHeD | *to cause to sigh* | | niehed | | tniehed | | |
| RaHaN | *to pawn* | | | | | | |
| SaHaR | *to wake* | | | | | | |
| XeHeD | *to testify* | | xiehed | | | | |
| XeHeR | *to cry aloud* | | xieher | | txieher | | |
| ŻaHaR | *to blossom* | | | | | | |
| ŻeHeR | *to neigh* | | | | | | |

# APRIL !

*Ciò che fu torna e tornerà nei secoli*
(CARDUCCI)

Reġa' qalb il-ħaxix u l-ward u x-xtieli,
Qalb it-tiżwiq u l-isħra,
Hawn fil-widien, hemm fuq l-iġbiel, fost l-ibħra
Mill-ġdid il-ħelu April !

Arawh kollu daħkan jiżfen u jgħanni
Darb'oħra l-għanja tiegħu;
Arawh b'elf ġenna miegħu
Darb'oħra jixxaħxaħ,
Jitgħawwem, jitbaħbaħ
F'baħar bla tmiem
Ta' ferħ, ta' serħ, ta' sliem !

Kollox, mgħaxxaq bi ġmielu,
Darb'oħra reġa' fih;
Darb'oħra tajjar nagħsu,
Dilek bil-fwieħa xuxtu,
Kellel biż-żahar u bil-weraq rasu,
Demmem bil-qroll lelluxtu
U qâm
Rebbieħ
Fih !

* * *

Iżda mhux hekk, imsejkna,
Fl-għanja ta' qalbi ċkejkna
Reġgħu dis-sena
Tal-ferħ, tal-hena
Ħaddru t-tamiet !

Il-għanja tiegħi tagħraf biss il-bidu,
Ma tafx bi tmiem it-tama:
Kesħitli daqs irħama :
Kollox ġe' fiha miet !

7-x-34. R. P.

Bil-qalb ingibu f'*Il-Malti* dawn il-versi ta' wieħed kittieb ġdid żagħżugħ, li għandu fantasija mixgħula, u jista' jkun poeta tajjeb jekk jagħraf jagħżel l-aħjar fost id-dehriet li jleħħu bil-mija fil-fantasija tiegħu.

# ŻWIEĠ MHUX MITMUM

*( mill-Promessi Sposi ta' Manzoni miġjub bil-Malti kelma b'kelma kemm jista' jkun)*

" Carneade! Min kien dan?" kien q'ed italla' u jniżżel bejnu u bejn ruħu dun Abbondju, bilqiegħda fuq il-putruna tiegħu, f'għorfa, bi ktieb ċkejken miftuħ quddiemu, xħin Perpetwa daħlet biex iġġiblu l-bxara. " Carneade! dan l-isem kemm jidhirli li qrajtu u smajtu: kien għandu jkun xi bniedem mogħti għall-kotba, xi kittieb kbir ta' żmien ilu; dan l-isem ta' wieħed minn dawk; imma min il-mniegħel kien?" Kemm kien bgħid l-imsejken milli jobsor bil-burraxka li kienet qiegħda tinġabarlu fuq rasu!

Għandek taf li dun Abbondju kien iħobb jaqra dak il-ftit kull jum; u kappillan qrib tiegħu, li kellu xi ftit tal-kotba, kien jisilfu ktieb wara l-ieħor, l-ewwel wieħed li kien jiġi f'idejh. Dak li kien qiegħed jaħseb fuqu dak il-ħin dun Abbondju, li kien għadu qiegħed ifieq mid-deni tal-qatgħa, jew aħjar li kien (għal dak li deni) imfejjaq aktar milli kieku kien irid iħallihom jaħsbuh, kien paniġirku f'ġieħ San Karlu, magħmul b' ħeġġa kbira u għaġeb ta' dawk li kienu jisimgħu, ġol-Katidral ta' Milan, sentejn qabel. Fih il-qaddis kien imxebbah, għall-ħrara ta' l-istudju, ma' Archimede; u sa hawn dun Abbondju ma sabx x'ifixklu; għax Archimede għamel ħwejjeġ hekk talgħaġeb u baqa' hekk jissemma, li biex tkun taf xi ħaġa fuqu, ma tridx tkun taf bosta. Imma, wara li ma' Archimede, il-priedkatur xebbhu wkoll ma' Carneade: u hawn li l-qarrej weħel. Dak il-ħin daħlet Perpetwa biex tagħtih l-aħbar li ġie Toni.

" Da'l-ħin?" qal dun Abbondju; ħaġa minn awl id-dinja.

" Xi trid tagħmel? Nies bla moħħ: imma jekk ma taqbdux bħall-għasfur waqt li għaddej itir..."

" Hekk hu: jekk ma naqbdux issa, min jaf meta nkun nista' naqbdu! Daħħlu... Is! Is! inti żgura li hu?"

" U l-mniegħel!" wieġbet Perpetwa, u niżlet, fetħet il-bieb ta' barra u għajtet: "fejn int?" Toni ħallieha tarah; u, fil-waqt, resqet ukoll Njeża, u sellmet lil Perpetwa b'isimha.

" Saħħa għalik, Njeż, " qalet Perpetwa: " mnejn inti ġejja da' l-ħin? "

" Ġejja minn... " u semmiet raħal qrib. " U li kont taf... " żiedet tgħid: " iddawwart iktar kollu mħabba fik."

" Jaqaw? " staqsiet Perpetwa; u ddur fuq iż-żewġt aħwa, " għaddu, " qaltilhom, " ġejja jiena wkoll. "

" Il-għaliex, " wieġbet Njeża, " mara minn dawk li ma jafux bil-bċejjeċ u jridu jitkellmu... temmen? webbset rasha tgħid li inti ma żżewwiġtx ma' Peppi Suolavecchia u lanqas ma' Anselmu Lunghigna, għax ma ridukx. Jien ħaqqaqtha magħha li kont int li rruftajthom, 'ill-wieħed u 'l-ieħor... "

" Hekk hu. Giddieba! Giddieba fuq li giddieba! U min hi din? "

" Tistaqsihulix, għax ma nħobbx inġib ġlied. "

" U hekk tgħiduli, ikollok tgħiduli: giddieba! "

" Ħallina issa minn dan... ma temminx x'għali qabadni li ma kontx naf sewwa l-biċċa kollha, ħalli kont niksirha lil dik."

" Ara tistax taqla' qlajja bħal dawn! " tenniet Perpetwa u raġgħet qabdet minnufih: " fuq Peppi, jaf kulħadd u sata' jara... Toni! ressaq il-bieb u itla' fuq għal xogħlok, għax jiena ġejja. " Toni, minn ġewwa, wieġeb iva; u Perpetwa baqgħet sejra tgħid fuk il-għerusija.

Minn biswit il-bieb ta' dun Abbondju kienet tinfetaħ, bejn żewġ dwejriet, trejqa, li, kif tħalli lilhom, kienet tikser għal ġo għalqa. Njeża ġibdet il hemm, bħalkieku riedet twarrab fil-ġenb biex titkellem aktar bla xkiel: u Perpetwa warajha. Kif kisru u waslu mnejn wieħed ma kienx jista' jara iżjed dak li kien q'ed jiġri quddiem iddar ta' dun Abbondju, Njeża sogħlet qawwi. Kien il-qaddis: Wenzu samgħu, għamel il-ħila lil Luċija b'għafsa fi drigħha, u t-tnejn flimkien, fuq it-tarf ta' subgħajhom ġew il quddiem mal-ħajt il-ħajt, anqas nifs ma jieħdu; waslu ħdejn il-bieb, imbuttawh qajl qajl; ħiemda u mil-wijin daħlu fl-intrata, fejn kienu jistennewhom iż-żewġt aħwa. Wenzu ressaq mill-ġdid il-bieb qajl qajl; u l-erbgħa rħewla mat-taraġ, bla ma jagħmlu ħoss anqas ta' wieħed. Kif waslu fuq il-pjan tat-taraġ, iż-żewġt aħwa resqu ħdejn il-bieb, li kien mal-ġenb tat-taraġ; l-agħrajjes irtassu mal-ħajt

" *Deo gratias,* " qal Toni li jisimgħu kulħadd.

" Toni ? Għaddi, " wieġeb leħen minn ġewwa.

L - imsejjaħ fetaħ il - bieb kemm kemm biżżejjed biex jista' jgħaddi hu u ħuh, wieħed kull darba. L-istrixxa dawl, li ħarġet għalgħarrieda minn bejn dak ix-xaqq u tħażżet fuq l-art imdallma tal-pjan tat-tarağ, ħasdet lil Luċija, bħalkieku nkixfet. Malli l-aħwa daħlu, Toni ġibed warajh il-bieb; l-agħrajjes baqgħu fid-dlam bla ma jitħarrku, b' widnejhom weqfin u jżommu n-nifs: l-ikbar ħoss kien it-taħbit li kienet qiegħda tħabbat il-qalb ta' l-imsejkna Luċija.

Dun Abbondju kien, kif għidna qabel, bilqiegħda fuq putruna qadima, milfuf f' kappa qadima u f'rasu kallotta qadima tinżillu sa fuq widnejh, li kienet tagħmillu ta' gwerniċ madwar wiċċu għad-dawl dgħajjef ta' l-imnara. Żewġ trofof xagħar sfieq ,ħerġin barra minn taħt il-kallotta, żewġ ħwieġeb sfieq, żewġ mustaċċi sfieq, daqna sfieqa, kollha bojjod, u mferrxin ma' dak il-wiċċ ismar u mkemmex, kienu jistgħu jixxebbhu ma' għaqdiet ta' ħafna żquq irqaq bla weraq (1) miksijin bil-borra, ħerġin il barra minn blata, għad-dawl tal-qamar.

" Oh ! Oh ! " kienet it-tislima tiegħu, fil-waqt li neħħa n-nuċċali u qiegħdu fil-ktieb ċkejken.

" Nistħajjel is-sur kappillan igħid li ddawwart ma ġejt, " qal Toni, ibaxxi fil-ħin rasu, kif għamel ukoll, imma bosta aktar bla galbu, Ġervasju.

" U ngħid li ddawwart : iddawwart kull kif teħodha. Ma tafx li jien marid ? "

" Kemm q'ed nagħli ! "

" Naħseb li smajt : jien marid, u ma nafx meta nkun nista' nħalli min jarani. U għalfejn ġarrejt warajk dak... dak it-tifel ? "

" Hekk, għall-wens, sur kappillan. "

" Biżżejjed, ej' naraw. "

" Dawn huma ħamsa u għoxrin uqija ġdida, minn dawk ta' Sant'Ambroġ fuq iż-żiemel, " qal Toni, fil-waqt li ħareġ mill-but sorra żgħira.

" Naraw, " tenna dun Abbondju : u, kif qabad f'idejh is-sorra, raġa' libes in-nuċċali, fetaħha, ħareġ minnha l-ew-

---

(1) Manzoni għandu di'l-kelma waħda : *cespugli.*

wieq, għaddhom, dawwarhom u raġa' dawwarhom u ma sab x'igħid fihom xejn.

"Issa, sur kappillan, tagħtini lura l-ħannieqa ta' Tiekla, il-mara tiegħi."

"Hekk imur," wieġeb dun Abbondju; imbagħad mar ma' ġenb armarju, ħareġ ċavetta mill-but, u, iħares madwaru, biex bħalkieku jżomm il-bogħod dawk li kienu qegħdin jaraw, bexxaq waħda mill-bibiet, għatta b'ġismu fejn fetaħ, daħħal rasu ġewwa biex iħares, u driegħu biex iġib il-ħannieqa; ġiebha, u, wara li għalaq l-armarju, taha f'idejn Toni u fil-ħin qallu: "hux kollox sewwa?"

"Issa," qabeż Toni, "jekk jogħġbok qiegħed ftit iswed fuq l-abjad."

"Jonqosx!" qal dun Abbondju: "għorrief wisq. Ih! kemm saret taħseb ħażin id-dinja! Ma tafdanix?"

"Kif, sur kappillan, nafdakx jien? Ma ħaqqnix tgħidli dan. Imma billi ismi jinsab fuq il-ktieb tiegħek finnaħa tad-dejn... mela, kif qgħadt titħabat darb'oħra tikteb, hekk... mill-mewt għall-ħajja..."

"Tajjeb, tajjeb," qatagħlu kliemu dun Abbondju, u, igerger, ġibed lejh kaxxun tal-mejda żgħira, ħareġ minnu karta, pinna u klamar u beda jikteb, itenni b' leħen għali l-kliem li kull ma jmur kien q'ed joħroġlu mill-pinna. Sa da'l-ħin Toni u, għal għamża tiegħu, Ġervasju ntasbu weqfin quddiem il-mejda żgħira, hekk li ma jħallux lil dak li kien q'ed jikteb jista' jara l-bieb; u, bħal min m'għandux x' jagħmel, bdew b' saqajhom ikaxkxu mal-art, biex jagħtu s-sinjal lil dawk li kienu barra biex jidħlu u fil-ħin igħattulhom il-ħsejjes ta' riġlejhom. Dun Abbondju, medhi kollu fil-kitba, ma kellux ħsieb ħaġ'oħra. Mat-tkaxkix ta' l-erba' saqajn, Wenzu qabad driegħ Luċija, taha għafsa fih biex jagħmlilha l-qalb, u tħarrek, jiġbed lilha warajh kollha mriegħda, għax minnha n-nifisha ma kienx ikollha l-ħila tmur. Daħlu nkiss-inkiss, fuq it-tarf ta' subgħajhom, iżommu n-nifs, u nħbew wara ż-żewġt aħwa. Sa da'l-ħin, dun Abbondju, li kien heda jikteb, raġa' qara bir-reqqa, bla ma jaqla' għajnejh minn fuq il-karta; tnieha f'erbgħa, igħid fil-ħin: "issa, hux għal qalbek?" u, ineħħi b' idu l-waħda n-nuċċali minn fuq imnieħru, newwilha bl-oħra lil Toni, jarfa' fil-waqt wiċċu l-fuq. Toni, itawwal idu biex jieħu l-karta, inġibed min-naħa; Ġervasju, għal għamża tiegħu, mill-oħra; u fin-nofs, bħal meta jinfetaħ fi tnejn is-

siparju, dehru Wenzu u Lučija. Dun Abbondju bejn ra u ma rax, imbagħad ra ċar, inqata', inbala', sibel, ħaseb, qata' x'għandu jagħmel: dan kollu sakemm Wenzu laħaq ħareġ minn fommu l-kelmiet: "sur kappillan, quddiem dawn ix-xiehda, din hi marti." Xofftejh kienu għadhom ma ġewx lura f' lokhom, li dun Abbondju, iħalli taqa' fl-art il-karta, ma kienx qabad u rafa' b'idu x-xellugija l-imnara, ħataf bil-leminija t-tapit tal-mejda ż-żgħira u ġibdu lejh bil-herra, jitfa' fil-ħin fl-art ktieb, karta, klamar u rina; u, jaqbeż qabża bejn il-putruna u l-mejda żgħira, resaq lejn Lučija. L-imsejkna, b'dak il-leħen ħelu u dak il-ħin kollu mriegħed, kienet bil-kemm għadha satgħet toħroġ minn fommha: "u dan...," li dun Abbondju ma kienx waddbilha t-tapit fuq rasha u wiċċha, biex ma jħallihiex tgħid il-forma sħiħa. U minnufih, jitlaq fl-art l-imnara li kien q'ed iżomm f'idu l-oħra, għin ruħu wkoll b'din biex igeżwirha ġot-tapit, li kien għoddu ħonoqha; u fil-waqt kien q'ed igħajjat b'kemm kellu garġi: "Perpetwa, Perpetwa! daħlulna n-nies! ajjut!" L-imnara, li kienet tnewnen fl-art, kienet tarmi dawl mejjet u jpetpet fuq Lučija, li, barra għal kollox minnha nifisha, anqas ma kienet tfittex toħroġ mit-tapit, u kienet qisha statwa tat-tafal għadha l-ewwel daqqa ta' id, li fuqha l-imgħallem firex biċċa niedja. Kif intefa d-dawl, dun Abbondju telaqha lill-imsejkna, u mar ifittex, iteftef b'idejh, il-bieb li kien jagħti għal għorfa aktar il ġewwa: sabu, daħal fiha u ssakkar ġewwa, igħajjat dejjem: "Perpetwa! daħlulna n-nies! oħorġu 'l barra!" Fil-għorfa l-oħra kien hemm taħwida waħda: Wenzu, ifittex li jżomm lill-kappillan u jaqdef b'idejh, qisu q'ed jilgħab ta' tiġieġa għamja, kien wasal ħada l-bieb u kien iħabbat fuqu, igħajjat fil-ħin: "iftaħ, iftaħ, la tagħmilx għaġeb." Lučija ssejjaħ lil Wenzu b'leħen maħnuq u tgħidlu bil-ħniena: "immorru, f' ġieħ Alla." Toni, inbè, jiknes b'idejh l-art, biex jara jsibx l-irċevuta tiegħu. Ġervasju, qisu miġnun, igħajjat u jaqbeż, ifittex fil-ħin il-bieb tat-taraġ ħalli jeħles.

Dun Abbondju, li sab ruħu mdawwar, jara li l-għadu ma kienx donnu beħsiebu jitlaq, fetaħ tieqa li kienet tħares għal fuq il-misraħ tal-knisja u qabad igħajjat: "ajjut! ajjut!" Kien dawl ta' qamar mill-isbaħ; id-dell tal-knisja, u 'l barra aktar id-dell twil u mislut tal-kampnar, kien jinfirex sewdieni u maqlugħ fuq il-wita kollu ħaxix u middi

tal-misraħ; kull ħaġa kienet tista' tingħaraf, qisu kien bin-nhar. Imma safejn kienu jwasslu l-għajnejn ma kenitx tidher ruħ. Iżda mal-ħajt tal-ġenb tal-knisja, u sewsew mal-ġenb li kien għan-naħa tad-dar tal-kappillan, kien hemm dwejra, gorboġ, fejn kien jorqod is-sagristan. Dan ħasdu dak il-għajjat tal-ġenn, ħa qabża, tar minn fuq is-sodda, fetaħ il-bieba tat-tieqa żgħira li kellu, xiref, b' għajnejh għadhom nofshom magħluqa, u għajjat: " x'ġara ? "

" Iġri, Ambroġ! ajjut! daħlulna n-nies, " għajjatlu dun Abbondju. " Ġej malajr, " wieġeb dak, ġibed rasu lura, raġa' tebaq il-bieba tat - tieqa, u, għalkemm bejn nofsu rieqed, u aktar minn nofsu mwerwer, ġietu, f'kemm ingħid, kif jagħti għajnuna aktar milli kien mitlub, mingħajr ma jintafa' fir-rewixta, kienet x'kienet. Jaqbad il-qalziet, li kien iħallih fuq is-sodda; jitfgħu taħt driegħu bħal kappell tal-gala, u, jaqbeż l-isfel ma' taraġ dejjaq tal-għuda, inur b'ġirja għall-kampnar, jaħfen il-ħabel ta' l-ikbar fost iż-żewġ kniepen li kien hemm, u erħilu jiġbed it-tokki.

Dun Pawl

# MARSA MXETTA

Ant. Em. Caruana fil-"Vocabolario" tiegħu (1903, p. 331) jikteb it-tieni kelma tat-titlu li tajna hawn fuq "Mxett," u mbagħad igħid illi n-nisel u t-tifsir tal-kelma hi ħaġa iebsa wisq biex issibhom. Preca, il-wennies qalbieni tal-*kawża mitlufa* ta' Canaan, fil-ktieb tiegħu, "Malta Cananea" (1904, p. 544) wara li jispelli l-kelma kif spellieha l-ieħor, jagħti tifsir li ma jserraħlekx rasek.

Skond l-analogija tal-Malti, il-kelma li qegħdin nitkellmu fuqha, għandha tinkiteb "mxetta." Iżda l-vokali tat-tarf, ma għandhiex tittieħed bħala ta' nom femminil, imma bħala biċċa mill-għerq. *Marsa Mxetta* tfisser biss "Qâla, tax-xitwa, jew Marsa Xitwija" A. E. Caruana fil-Vocabolario tiegħu iġib *xita* (pioggia), *xitwa* (inverno cioè stazione piovosa), u *xitwi* (invernale), iżda ħalla barra għal kollox is-sura *mimmata* (magħmula bl-"*m*" quddiem) illi tidher fl-isem tal-post jew ta' l-imkien.

Biex infissru rwieħna aħjar: — il-verb għarbi I. *xatu*, *xata*, u t-II *xatta*, ifissru "tgħaddi x-xitwa". L-aġġettiv partiċipjali passiv tat-tema II. fil-Għarbi hu *muxatta*. Issa kif fil-Malti, isiru *mtajjar*, *mżemmel*, hekk *muxatta*, issir *mxetta*.

L-użu ta' din is-sura ta' kelma, regulari għal kollox, hi ħaġa ta' kuljum u ta' kulwaqt l-iżjed fil-Magħreb, u miegħu nistgħu ngħidu wkoll fi Sqallija.

Għajb jaħasra, illi l-awtoritajiet, jew kotba, li għandna ma fihomx il-vokali u għalhekk ma nistgħux inkunu żguri mit-tlissin, jew mill-pronunzja. Idrisi, il-Ġjografu tal-Palazz ta' Ruġġieru II, inqeda bil-kelma *m-x-t* biex ifisser *għamara* jew *dar tax-xitwa*. Iżda Ibn Shabbat, fid-Diwan tiegħu ħaġa li tolkot iżjed — iqiegħed din il-kelma ma' *marsa*. Fil-waqt li kien jitkellem fuq Sirakuża, billi xtaq ifisser illi l-port tagħha hi daħla kennija għall-bastimenti fix-xitwa, sejjaħlu *Marsa m-x-t-*. Wieħed ma jkun xejn qiegħed jitbiegħed mis-sewwa, meta jaħseb illi din l-aħħar kelma għandha titlissen *muxetto*. It-test jinsab fil-ktieb ta' Michele Amari. "Biblioteca Arabo-Sicula, 212, 4".

Fi Granada-l-Qadima, fejn il-lsien jixbah ħafna lil dak li jinsama' l-lum f'Malta, Pedro de Alcalà, biex ifisser dak li kienet tfisser il-kelma *envernadero* (kwartieri tax-xitwa) fl-Ispanjol il-Qadim, jagħti l-kelma *muxeti*, li hi bħal sura daqs-xejn imgħawġa tan-*nomen agentis* tat-tema IV ta' l-istess verb għarbi. Bnadi oħra suriet oħra ta' aġġettivi bħal *muxta*, u *muxata* jinsabu wkoll, fis-sens ta' *lok tajjeb fejn tgħaddi x-xitwa*. "Fl-aħħar hemm in-*nomen loci* klassiku, *maxta* (għamara tax-xitwa) li t-tiswir tagħha jixbah sewwa lil dik tan-nomi Maltin *marbat*, *mabxar*, *maħrab*.

C. L. Dessoulavy.

# MIKIEL ANTON VASSALLI

*(Jorbot mal-Għadd ta' Settembru paġ. 91)*

Bniedem ieħor, iżda imsawwat mix-xorti bħal Vassalli għall-waqgħa li kellu jaqa' f'daqqa waħda, kien l-imsejken Wiġi Ovidju Doublet, Prim Skrivan u Kap tas-Segreterija Franċiża ta' l-Ordni u mbagħad Segretarju Ġenerali tal-Gvern Franċiż f'Malta. Dan il-bniedem, bin ġardinar, li għalkemm twieled fi Franza (Orleans), trabba u żżewweġ hawn Malta u b'ħiltu laħaq fl-aqwa kariki, wara li telqu l-Franċiżi, kellu wkoll iħalli lil Malta mingħajr ma sata' jarġa' jiġi ħlief xi darba fil-bogħod, bit-tama illi bit-Trattat ta' Amiens l-Ordni tarġa' tidħol f'Malta u jintrafa' mill-ġdid; iżda mar imqarraq. Il-Gvern Ingliż issuspettah u għalhekk għadda mad-9 jew 10 snin f'Ruma jagħti l-lezzjonijiet tal-Franċiż. Billi ma satax igħix ħlief bi tbatija, minn Ruma telaq għal Tripli, Barbarija, għand wieħed minn uliedu. Għax ukoll xi ftit ġewwa Marsilja għand wieħed Kavalier ta' l-Ordni ħabib tiegħu, il-Markiż de Panisse li waqaf miegħu, u fl-aħħar ġietu li jista' jidħol u jibqa' jgħix hawn Malta sakemm wara ftit snin miet fl-4 ta' Frar, 1826.

Meta Vassalli fl-1820 kien ġej lejn Malta, Doublet kien qiegħed f'Marsilja.

Iżda l-aqwa bniedem li wera wiċċ ħanin lejn Vassalli, u dan sabu ta' għajnuna fi żmien il-bqija ta' ħajtu wara li raġa' lejn Malta, kien il-għaref John Hookham Frere li kien joqgħod fil-villa tiegħu l-Pietà fejn sal-lum dik id-dar għadha tissejjaħ *Villa Frere.*

Dan il-bniedem inzerta ġie joqgħod hawn Malta f'April ta' l-1821, imħabba s-saħħa ta' martu Ġannina Eliżabetta, il-Kontessa armla Errol, mas-sena wara l-miġja ta' Vassalli.

Hookham Frere (1) malli ħareġ mill-Università daħal fl-Uffizzju tal-Ministru Ingliż ta' l-Esteru, imbagħad fil-Parlament (1796) u wara laħaq Sotto-Segretarju ta'l-Istat fl-Uffizzju ta' l-Affarijiet Esteri. Fl-1800 ġie maħtur bħala Ambaxxatur Straordinarju Plenipotenzjarju tal-Portugall, imbagħad wara żmien, bħala Ministru Ingliż fi Spanja. Wara li telaq mill-ħajja diplomatka u żżewweġ, kien ta ruħu għat-traduzzjoni ta' poëti Latini u Griegi, fosthom l-iktar għat-traduzzjoni tal-

(1) Fil-Bibljoteka f'tarf is-sala jinsab il-bust tiegħu, mogħti minn wieħed min-neputijiet werrieta tiegħu bħala tifkira tal-ġid li għamel għall-istudenti Maltin.

kummidji ta' "Aristofane" li stampahom l-ewwel darba fl-Istamperija tal-Gvern ta' hawn Malta biex iqassamhom fost il-ħbieb.

Hookham Frere, bħala bniedem li kien jaf bosta ilsna Klassiċi fosthom il-Latin, il-Grieg, it-Taljan, il-Franċiż u u l-Ispanjol, ħawnhekk kien għamel ħbieb ma' bosta nies bħalu fosthom mal-ġiżwita ebrajista Marmora u mal-ġiżwita latinista Rigord li dlonk kienu jżuruh fil-Villa tiegħu. Barra minn dawn, il-Kanonku Caruana u Ċensu Borg kienu wkoll żewġ personaġġi midħla tiegħu.

Fi żmien il-Gvernatur Hastings il-Gvern ħatar kummissjoni biex tifli fuq it-tagħlim fl-Iskejjel għolja u fl-Università u, wara li din għamlet rapport, il-Gvern għażel il-Kunsill Ġenerali biex igħin lir-Rettur ta' l-Università. Fost il-membri tal-Kunsill Hookham Frere ġie magħżul l-ewwel wieħed bħala President ta' l-istess Kunsill.

Hawnhekk Frere, bħala bniedem li kien iħobb il-Malti u l-ilsna l-oħra ta' l-istess ġebbieda tiegħu, għamel ħiltu kollha biex imexxi l-quddiem it-tagħlim tal-Malti skond ma trodd il-grammatka kif ukoll it-tagħlim tal-Għarbi flimkien mat-taljan jew latin fost it-tfal ta' 9 jew 10 snin, u talab ukoll li jitwaqqaf fl-Università it-tagħlim tal-Lhudi għall-qassisin.

Tistgħu taħsbu għalhekk kif bniedem bħal dan, mixgħul b'ġibda l-iktar kbira għat-tagħlim ta' l-ilsna, mita ġietu li jiltaqa' ma' Vassalli kemm ħabrek biex b'xi mod igħinu sew fl-istudji kemm f'dan ix-xkiel ta' mezzi li dik il-ħabta Vassalli kien jinsab fihom. Frere li, kif għedna, inzerta l-President tal-Kunsill Ġenerali ta' l-Università, dlonk ġietu x-xoqqa f'moxtha u fit-30 ta' Ottubru, 1824, *qara fil-Kunsill Proġett għaqli għall-aħħar u kollu għerf fuq il-ftuħ ta' skola ġdida tal-lsien Malti.* Milli jidher il-Kunsill kiteb lill-Gvern dwar dan il-proġett u talbu biex jinħatar surmast tal-Malti fl-Università u dana jitħallas bħall-Professuri l-oħra, u s-Segretarju F. Hankey, b'isem il-Gvern, fil-31 ta' Diċembru, 1824, għarraf lill-Kunsill ta' l-Università illi l-*Gvern ma jsib ebda oġġezzjoni li jagħti l-kunsens tiegħu biex is-Surmast tal-Malti jgħallem il-lsien Malti*, *iżda għalissa ma jkollux salarju.* (1)

1. Fl-istess ittra s-Segretarju tal-Gvern għarraf ukoll illi l-Klassi tal-Għarbi tista' tissokta u sakemm isir ftehim ieħor mas-Santa Sede, is-surmast jibqa' jitħallas mill-Kaxxa tal-Gvern Malti. Ġie żmien illi r-renti li bihom kienet twaqqfet din l-iskola tal-Għarbi ittieħdu għall-missionijiet sakemm fil-1824 id-Diretturi tal-*Propaganda Fide*, bil-kunsens tas-Santa Sede, għaddewhom għall-Klassi tal-Għarbi li kienet infetħet fil-*Collegio Urbano* ta' Ruma.

Wara li reġgħet infetħet l-Università minn Ball, il-Klassi tal-Għarbi fl-Università kienet reġgħet twaqqfet fis-sena 1803.

Fil-laqgħa tal-Kunsill ta' l-Università tal-21 ta' Frar, 1824 il-membri iddeċidew li *titwaqqaf l-iskola l-ġdida tal-Malti illi l-President l-Onorabbli J. H. Frere offra ruħu li jżommha bi flusu, u b'xewqa u talba ta' l-istess Frere, ħatru bħala Surmast ta' l-istess skola lis-Surmast Vassalli, awtur magħruf tajjeb ta' grammatka u ta' dizzjunarju malti.*

* * *

Ebda dokument ieħor ma jinsab fir-reġistri tas-Segreterija ta' l-Università fejn juri mita Vassalli beda jgħallem il-Malti u kemm dam igħallmu, u jekk dan it-tagħlim baqax jitħallas minn Frere jew mill-Gvern.

Fost il-korrispondenza li għandi f'idejja, waħda mill-ittri bid-data tal-20 ta' Mejju, 1825 turi li l-*Professorat tal-Lsien malti fl-Università kien diġà twaqqaf.* Minnha jidher ukoll illi l-ħlas għal dan it-tagħlim ma satax ikun ta' iżjed minn £25 jew £30 fis-sena, kif soltu kienu jitħallsu l-Professuri ta' l-Università f'dak iż-żmien. Din l-ittra tgħid ukoll: " illi dan il-Professorat ma kienx megħjun mill-Gvern, iżda minn John Hookham Frere li, flimkien mas-sinjura tiegħu (Lady Errol), kien hawn Malta minn xi erbgħa jew ħames snin, u kien President tal-Kunsill ta' l-Università. Dana waqaf ma' Vassalli" tissokta tgħid l-ittra: "*illi ma' tul dawn l-aħħar żmenijiet qiegħed jagħti lezzjonijiet publiċi lil studenti maltin*". Minn dak li wieħed jista' jifhem dawn il-lezzjonijiet tkomplew għal mill-inqas sena żmien, jew ftit iżjed, ngħidu aħna minn Frar jew Marzu tal-1824 sa Mejju tas-sena ta' wara. Setgħu komplew isiru u għalkemm żmien ma nafuhx, iżda hija ħaġa mwettqa minn ċirkostanzi tajba illi dawn il-lezzjonijiet baqgħu sejrin sa mill-inqas sena żmien u li iktarx imbagħad tkomplew ukoll għal xi żmien ieħor.

Schlienz C. F. isemmi illi Vassalli kien maħtur mill-Gvernatur Ponsonby bħala *Professur ta' l-Ilsna Orjentali* (Professor linguarum Orientalium) u li għal xi żmien kien ta xi lezzjonijiet fuq il-lsien malti fl-Università (Ara *Views on the improvement of the Maltese Language* etc. 1838 paġ. 38). Iżda dan it-titlu ta' Professur ta' l-Ilsna Orjentali mogħti lil Vassalli s'issa ma jidher imwettaq minn ebda dokument.

Għal din il-ħabta (Mejju 1825) Vassalli kien hejja *edizzjoni ġdida* bit-taljan tal-Grammatka Maltija (li għall-ewwel kien għamel bil-latin f'Ruma fl-1791). F'din il-grammatka ġdida kien hemm miġburin il-lezzjonijiet kollha li hu kien laħaq ta fil-kors tal-Malti l-Università. Barra minn dan, sa

dak iż-żmien kien kiteb il-*Qwiel Maltin* (li ħarġu stampati tliet snin wara, kif ukoll *Dizzjunarju mit-Taljan għall-Malti* (li jwieġeb għal Lexicon ta' qabel li kien mill-*Malti għal-Latin u Taljan*) xogħol li Vassalli kellu ħajra kbira li jistampa u jippublika. Qabel ma nsemmu iżjed fuq dawn ix-xogħlijiet, sabiex il-qarrej jista' jorbot is-sensiela tal-ħidma letterarja ta' Vassalli fl-aħħar snin ta' ħajtu, jaqbel li mmorru xi sentejn lura, jiġifieri mat-tlitt snin wara li Vassalli kien raġa' lejn Malta.

Fil-bidu tal-1823 Vassalli kienu qabbduh jaqleb għall-Malti l-Vanġelji u l-ewwel ma qaleb għall-Malti kien dak ta' San Mattew. Għal ħabta ta' April 1823 beda t-traduzzjoni tal-Vanġelju ta' San Mark. F'ittra tat-28 ta' Marzu, 1823, ir-Rev: William Jowett (1) li kien id-Direttur tal-pubblikazzjonijet taċ-"Church Missionary Society" f'Malta, kien fisser ruħu illi "huwa rnexxielu fl-aħħar iqabbad traduttur ġdid għall-Malti, li fejn l-oħrajn hu l-aħjar wieħed fil-Gżira, sew għal dik li hi ħila kemm għal dak li hu isem, u dan hu xejn inqas ħlief il-għaref *Antonio Vassallo* (sic), awtur ta' dizzjunarju malti, li kien qiegħed igħix f'faqar kbir.... Għal dak li hu ħlas hu kien qiegħed jagħtih xi ħaġa inqas mill-kwart ta' dak li talab. L-istil tiegħu", jissokta jgħid Jowett, "huwa wisq aħjar minn dak ta' Cannolo u tat-tabib Naudi u jien inħossni wisq ferħan bih."

Qabel Vassalli jidher illi ċ-"Church Missionary Society" kienet qabbdet f'dan ix-xogħol ta' traduzzjonijiet lil Giuseppe Marin Canolo li skond ma jgħid ir-Reverend C. F. Schlienz, (2) li kien laħaq għal xi żmien flok Jowett, "kien isinn is-skieken, tgħallem waħdu u għal dak li hu tagħrif ta' ilsna orjentali kien jisboq iktarx lill-pajjżani tiegħu kollha. Bil-Malti kiteb dawn il-ħwejjeġ. Il-*Liġi* jew il-*Għaqda l-Qadima*, *Thomas à Kempis* u *Grammatka Maltija*, manuskritti. Għandna tiegħu stampat il-*Vanġelju ta' San Ġwann*

It-Tabib Cleardo Naudi kien Professur tal-Kimika (1805-1834) u Professur ta' l-Istorja Naturali (1824-1829) l-Università. Dan kien qaleb għall-Malti bosta ħwejjeġ mill-Ingliż fosthom, biċċa mill-Katekiżmu ta' Fleury, biċċa min-noti ta' Wesley fuq il-Liġi jew Għaqda l-Ġdida u ħwejjeġ oħra għat-tagħlim reliġjuż u morali, stejjer, ħrejjef eċċ.

***(jissokta)***

(1) Kien "Fellow of St. John's College", Cambridge, ordna qassis Anglikan fl-1814, u f'Malta, ħlief għal xi ftit intervalli, qagħad mill-1820 sal-1830.

(2) Christoph-Friedrick Schlienz, kien Luteran ta' Wüerttemberg mill-Kulleġġ ta' Basle; kien raġa' ordna bħala qassis Anglikan f'Londra. F'Malta qagħad mill-1827 sal-1842.

# LIL MARIJA

## TFAJLA TA' GĦAXAR XHUR *

Le, le, Marija, m'hux int tlabtni l-versi,
ghax inti ma tambihx il-għana tiegħi:
int, warda safja, b'xemx-il-hena fuqek,
x'taf int min-niket li jixxabbat miegħi?

Jisbaħ filgħodu; ġewwa ħarstek tiddi
id-daħka ħelwa li tidħaklek ommok:
il-ġrajja drajtha, u dik id-daħka ħelwa
tisraq tbissima mill-warda ta' fommok.

Kollox sabiħ għalik; iżżiġġ għal kollox:
kelma ġdida tisirqek, bewsa ssaħħrek;
ħelwa jekk tibki, għax il-ħin wasallek,
ħelwa jekk tidħak, u kulħadd ifaħħrek.

Għalhekk, Marija, m'hux int tlabtni l-versi,
għax inti ma tambihx il-għana tiegħi:
int, warda, friska, b'xemx-il-hena fuqek,
x'taf int min-niket li jixxeblek miegħi?

DUN KARM.

28—8—32

* It-tifla tas-Sur Pawl Galea Suchet. Konna ngħaddu ftit ġranet San-Pawl-il-Baħar, fis-sajf ta' l-1932, u konna noqogħdu ma' ġenb xulxin. It-tifla kienet il-hena ta' ommha u ta' missierha. Aħna l-ġirien ħabbejnieha wkoll, imħabba lil-ħlewwa tagħha. Jaħasra ntemmet f'tul ta' xahar, b'gastro enterite.

# IT-TIENI SAFRA TA' SANDABAD IL-BAĦRI

(imfissra mill-Ktieb Għarbi *Elf lejl u lejla)*

Qal Sandabâd il-baħri: Meta tajt ruħi għall-hena, ġieni f' rasi s-safar u xtaqt in-negozju u nsejt ma' kemm kont iltqajt taħbit. U qbadt inhejji, u xtrajt xi ħwejjeġ tajbin (meħtiġin), irbatt it-tagħbija u sefirt ma' neguzjanti mxerkin u sħab meftehmin. Xħin wasalna xatt il-baħar, irkibna mirkeb li kien imhejji, u bil-għajnuna ta' Alla tlaqna. U ma hdejniex ngħaddu minn gżira għal gżira, inbigħu u nixtru u nitħallsu sa wsalna darba waħda ħdejn gżira b'ħafna siġar u tamar. Fiergħa minn nies, ma fihiex djar u anqas ruħ. Waqaf il-mirkeb ħdejjha, u telgħu n-neguzjanti lejha, u qagħdu jduru ma' l-imraġ u x-xmajjar tagħha. U ġemgħu miż-żahar u mit-tamar tagħha. U jien ħadt l-ikel u x-xorb u qgħadt ħdejn sieqja ilma ġieri bejn is-siġar tal-frott, u kilt u xrobt u ħassejtha tajjba nagħsa. U rqadt fejn kont bejn is-siġar. Xħin stenbaħt, il-mirkeb kien qala', telaq u siefer u għab fil-baħar. Qomt u ma sibt miegħi u la ħabib u la sieħeb. Il-mirkeb kien tbiegħed minni u ma bqajtx narah. Għajjatt u tajt fuq rasi u qtajt jiesi mill-ħajja u d-dinja, u kienet irġuliti sa tintemm bil-għali. Waqajt fl-art mogħxi żmien twil u bkejt u lomt lili n-nifsi talli ma ttegħibtx mis-safar. U ndimt fejn xejn ma tiswa l-indiema; u għidt: ma hemmx qawwa ħlief f'Alla, il-Għoli, il-Qawwi. U bqajt bħal miġnun, ma nistâx għal dak is-skiet, u tlajt fuq siġra għâlja u ħarist lejn il-lemin u lejn ix-xellug u ma rajtx għajr ilma u sema; ħarist u, ara, xi ħaġa bajda dehritli mill-bogħod, u nżilt mis-siġra. Ħadt il-ħorġ u kien għad baqa' fih ħafna ikel. Imbagħad irsaqt lejn dik il-ħaġa bajda u nsib li kienet *qubba* kbira, għalja, mielsa, sabiħa. Rsaqt lejha u dort madwarha u ma sibtilhiex bieb u ma stajtx nitla' magħha minħabba mlusitha. Kienet id-dawra tagħha ħamsin pass, u bqajt mistagħġeb b'dan u kienet ix-xemx qrib il-għarb. U dalam u dehret sħaba kbira u qgħadt inħares lejha, u, ara, kienet tajra. U ftakart x'igħidu l-baħrin fuq tajr *ir-ruħħ* li hu daqs sħaba, u dik il-*qubba* l-bajda tiegħu. U niżlet it-tajra fuqha u jien kont maġenbha. Waqa' wieħed minn difrejha quddiemi; kien kbir daqs sikka tal-

ħadid. U ħallejt it-turbant minn rasi u rbatt lili n-nifsi ma' tarf it-turbant u mad-difer b'rabta qawwija. Għidt: Għandha mnejn dit-tajra toħroġni minn dil-gżira lejn xi mkien imgħammar. Malli sebaħ l-għada, qâm *ir-ruħħ* u tar fl-arju, u jien marbut ma' difrejh rabta qawwija, u l-ikel miegħi. U baqa' jogħla, u jien imdendel minn difrejh, u târ u għola fl-ajru li kont iddonnu jmiss is-sema. Imbagħad mejjel rasu u żamm lejn l-art u ma kontx naf fejn jien ħlief meta kont fuq wiċċ l-art. Imbagħad ħallejt it-turbant minn difrejh u darab bihom dbiba donnha ġemel, u ħâdha u târ. U bqajt jien f'wied għamiq, li ma tlaħħaqx il-ħarsa sal-għoli tiegħu, u la fih trieq għall-inżul fih u la tlugħ minnu. Għidt: Aħna t'Alla u lejh nerġgħu. Kull waħda tiġini agħar mill-oħra. Inbagħad qbadt nimxi f'dak il-wied u nara qiegħu kollu ħaġar tad-djamanti; u mill-aħjar ġawhar ta' siwi għali. U f'dak il-wied kien hemm dbejjeb kull waħda tibla' ljunfant, u kbira ħafna. U jistaħbew bin-nhar minħabba dat-tajr li semmejna u jxulu bil-lejl. U bqajt mistagħġeb dak il-jum sa waslet l-għaxija. Inbagħad mort għall-kenn f'għar żgħir, dħalt fih u għalaqt biebu b'ħaġra kbira u ħriġt milli kien baqagħli mill-ikel fil-ħorġ u kilt biżżejjed; kont nirtogħod bil-biża'. U, ara, id-dbejjeb ħarġet ixxul, xi wħud donnhom ljunfanti, u xi wħud donnhom iġmla. U rajt b' għajnejja kemm bżajt minnhom, sakemm beda jbexbex u nħbew. Imbagħad ħriġt nimxi fil-wied b' dehxa kbira. Kif kont wieqaf fil-wied nara taqa' ħdejja biċċa laħam târja. Dort u nara ħafna bċejjeċ jaqgħu mill-għoli tal-ġebel. U ftakart x'igħidu l-baħrin, li hu wied id-djamanti li jmorru lejh in-neguzjanti u jxerrħu l-laħam u jixħtuh fih u jeħlu miegħu d-djamanti; imbagħad jinżlu l-ajkli u jtellgħuh ilfuq biex jitimgħuh lill-friegħ tagħhom. Imbagħad jiġu n-neguzjanti u jieħdu l-ħaġar li jkun weħel fih, kull neguzjant il-biċċa tiegħu u ma jista' wieħed jieħu xejn ħlief hekk. Târet qalbi (bil-ferħ) u ġmajt mill-wied kemm flaħt mill-aħjar u mill-isbaħ djamanti u mlejt il-ħorġ. U mort ħdejn taqtigħa (laħam) kbira, tfajtha fuqi u rbattha mat-turbant rabta sewwa, u l-ħorġ miegħi. Wara ftit ġew l-ajkli u kull waħda qabdet taqtigħa u rtefgħet biha 'lfuq. It-taqtigħa tiegħi qabditha ajkla kbira u qegħditha fuq il-ġebel ukoll. Minnufih bdejt ngħajjat u nafru l-ajkli u telqu l-laħam u târu. U ġew in-neguzjanti kull wieħed lejn it-taqtigħa tie-

għu, u qam sid it-taqtigħa tiegħi biex jieħu li weħel magħha. U kif sabni, beda jirtogħod u jien għidtlu: La tibżâx, jien bniedem bħalek. U beda jgħajjat u jibki u qal: Mar-riħ marret it-tama tal-qligħ tiegħi! U jien għidtlu: Ma ġetikx ħażina. Jien għandi miegħi x'nagħtik aktar milli ħasel sabu sħabek. Imbagħad resaq u ħall it-taqtigħa u t-turbant u ħelisni. U nġemgħu lejja n-neguzjanti u staqsewni xi ġrali u għarfuni. U għidtilhom xi ġrali u stagħġbu għall-aħħar u qalu: Ikun imfaħħar Alla li żammek qawwi u sħiħ. Imbagħad marru u jiena magħhom lejn il-laqgħa tan-neguzjanti, u jien ħriġt mill-ħorġ li kelli u tajt lil sid it-taqtigħa tiegħi sehmu, għax kont imlejt il-ħorġ b'ġawhar li jqum ħafna. U rqadt dak il-lejl għandhom, u huma jistaqsuni fuq għomri u jien bil-ferħ ma għajjetx. U qomna fil-għodu u tlaqna sa ma ġejna fi gżira kbira. Kien fiha siġar tal-gamfra, kull siġra ddellel mitt ragel u aktar. Huma jtaqqbu fuq is-siġar u jnixxi minnhom ilma tal-gamfra u imlew ġarar daqs xulxin. Imbagħad joħroġ taqtir tal-gamfra bħal gomma u xħin jieqaf tinxef is-siġra. F' dik il-gżira hemm bhima jisimha l-*karkaddan* akbar mill-ġemus, u ikilha l-ħaxix tal-art. Għandha qarn wieħed f'nofs rasha, twil driegħ u wiesagħ daqs qabda ta' id. Jekk tinqasam, taraha tixbah lil bniedem u lil bhima. Igħidu li dan il-qarn jieħdu minnu kull qatra li tiswa elf dinier. Dan il-*karkaddan* jinfet il-ljunfant b'qarnu u jerfgħu fuq rasu u jnixxi t-tidlik tiegħu għal fuq għajnejn il-karkaddan u jagħmih u jibqa' mixħut fl-art. Imbagħad jiġi t-tajr *ir-ruħħ* u jeħodhom it-tnejn b'difrejh, itir fil-għoli u jmur jitmagħhom lill-frieħ tiegħu. U rajt f'dik il-gżira ħafna għeġubijiet li jtellfulek moħħok. Imbagħad begħt mid-djamanti li kelli u xtrajt bihom ħafna ħwejjeġ, u bqajt sejjer minn art għal oħra, u minn belt għal oħra sa ma wsalt Basra, u minn Basra għal Bagdad u dħalt dari, u kelli miegħi mwiel li ħadd ma jfissirhom anqas igħoddhom. U tajt lill-foqra u lil min kien jeħtieġ. U bqajt hekk ngħaddi ż-żmien fil-hena u l-ferħ, u nsejt ma' kemm iltqajt taħbit.

(Maqlub mill-Għarbi minn SAYDON)

# FL-*ANTIPODI*

## IL-MILIED MALTA U FIL-PAJJIŻI TAĦT SAQAJNA (ANTIPODI)

Kulħadd jaf li d-dinja hi għamla ta' ballun jew, biex nifteħmu aħjar, xebh ta' larinġa, li din għandha żewġ għamliet ta' dawran. Bl-ewwel waħda, iddur fuq il-fus tagħha, dawra sħiħa kull erbgħa-u-għoxrin siegħa; u bl-oħra ddur madwar ix-xemx u hekk, mill-imkien minn fejn tibda, sa terġa' tiġi minn fejn telqet: tnax-il-xahar sewwa. Għalhekk il-ħin, ingħidu aħna ta' Malta, mhux il-ħin ta' l-Ingilterra, anqas, tar-Russja, ta' l-Afrika ta' isfel, la ta' l-Amerka u lanqas ta' l-Awstralja.

It-tieninett l-istaġuni, jiġifieri: is-Sajf, ix-Xitwa, il-Ħarifa, ir-Rebbiegħa ta' Malta, ma humiex dawk ta' pajjiżi oħra, bħall-Kanada jew l-Awstralja. Kieku li ma kienx meħtieġ illi fid-dinja jkun hemm ftehim fuq il-jiem u fuq ix-xhur, kieku l-jiem u x-xhur kienu jkunu wkoll xort'oħra, ingħidu aħna, meta Malta jkollna l-ewwel tax-xahar, f'Honolulu jkollna s-sittax tax-xahar, meta hawn ikollna Diċembru, fil-pajjiżi ta' taħtna (l-Antipodi) ikollna x-xahar ta' Ġunju. Iżda kieku li kien dan, kien ikollna Babeli oħra, u ma nifteħmux ma' dawk li qegħdin bil-Pol ta' Fuq jew ta' Isfel.

Għaldaqstant kien hemm bżonn li jsir ftehim biex il-jum tal-lum mad-dinja kollha jibqa' jissejjaħ, kif jissejjaħ f'Londra; u x-xahar minn l-Eskimiżi jissejjaħ ukoll kif insejħulu aħna. Iżda fil-fatt mhux hekk. Il-għaliex jekk aħna f'Diċembru qegħdin fl-aqqal tax-xitwa, hemm ħaddieħor li fil-25 ta' Diċembru qiegħed fl-aqwa tas-sajf. Safrattant aħna Diċembru, ingħidu li qegħdin fix-xitwa, u ħaddieħor f'Diċembru jgħid li qiegħed fl-aqqal tas-sajf: Mela Diċembru u Ġunju: Xitwa—Ġunju u Diċembru: Sajf. Din hi r-raġuni li għamlet il-bżonn illi fil-waqt li l-istaġuni jitbiddlu, il-ġranet u x-xhur ma jitbiddlux. Iżda hekk dan il-ftehim seta' jsir mal-bnedmin, dan il-ftehim ma satax isir m'Alla l-Imbierek, li ħalaq id-dinja u għamilha kif ried Hu, u għamlilha liġijiet li ħadd ma jista' iħassarhom. Wara dan it-tifsir tal-bidu, jidhirli li hi ħaġa wisq ħafifa, biex wieħed jifhem dak li sejjer ingħid fuq il-Milied f'Malta u fil-pajjiżi ta' taħt (l-Antipodi). Nistħajlu li d-dinja hi larinġa ta' kobor li ma bħalu. Jekk wieħed jista' jkun jikseb splengun, u minn Malta jinfed id-dinja sa taħtha, dan l-isplengun, iniffed il-pajjiż imsejjaħ Honolulu, li hi l-belt ewlenija tal-Gżejjer Haiwai, li jinsabu fin-North Pacific Ocean. Jekk l-is-

plengun matematku li aħna bih ninfdu lil Malta, indeffsuh f'nofs n-nhar sewwa, hemmhekk isib l-arloġġi qegħdin jimmarkaw nofs il-lejl bid-dimiż. Nerġgħu għat-tieni darba. Kieku nirkbu ajruplan li bih il-lum minn Malta sa hemm, nistgħu naslu f'sebat ijiem, x'insibu? Insibu li tlaqna minn Malta f'xitwa qalila, u wasalna hemm f'nofs is-sajf, u minflok silġ u bart insibu xemx tiżreġ u sħana l-iżjed qalila. Mela fil-waqt li aħna nkunu fil-*Milied* qegħdin nisimgħu l-quddiesa ta' nofs il-lejl, u qegħdin, flimkien ma' l-Anġli tas-sema, ingħannu s-sabiħ Innu, *Gloria in Excelsis Deo*: l-innu tal-paci u tal-ferħ; in-nies ta' dawk l-inħawi, il-quddiesa ta' nofs il-lejl kienet bikrija iżjed minn ta' Malta tnax-il-siegħa; u għalhekk issa qegħdin fuq il-mejda jieklu d-dundjani, iqassmu l-*Xmas Pudding*, u jixorbu għalanija bis-saħħa ta' Kristu Tarbija. Iżda x'differenza! Aħna biex morna l-knisja għall-quddiesa ta' nofs il-lejl, aktarx li sibna t-temp aħrax, xita, silġ, borra. Morna mlefilfin bix-xalel ma' griżmejna, bil-lbies oħxon, inħokku idejna ma' xulxin għax inġazzati, sniena jċaqċqu....... brrr....... x'bart. Fl-Ewropa ta' fuq: Franza, l-Ingilterra, il-Ġermanja, l-Olanda, in-nies fil-jum tal-Milied igħadduh ma' ġenb iċ-ċumnija, il-ħatab ifaqqa' il-lsien tan-nar jitla' 'l fuq u jsaħħan il-kamra, li fiha huma jinġabru u ma joħorġux il-jum kollu. Il-familja, jiġifieri, il-missier, l-omm, l-ulied miġburin u mgeddsin issa jgħannu *Ninu, ninu tal-Milied*, issa jilagħbu, issa jsajru u jieklu; issa t-tfal iduru mal-*Xmas Tree*, u fejn hemm ir-risq, mal-friegħi, b'fuqhom xema' ta' ħafna lwien jixgħel, isibu mdendla bħala rigali, pupi, karrozzi, vapuri ta' l-art, ajruplani, żwiemel bil-karrettuni, u, insomma, mitt ġugarell ieħor, tal-logħob.... It-tfal fqar ukoll dak in-nhar jiskennu għas-sħana, tan-nar magħmul mill-ħatab miġbur mill-egħlieqi. Iva Hensel u Gretel dak in-nhar isibu xi rigal, jekk mhux wisq għani, iżda li jogħġobhom, u fost il-hena tal-familja għalkemm fqira, igħaddu dan il-jum imqaddes fiż-żfin u fil-hena.

Iżda, kemm hu xort'oħra, fil-pajjiżi ta' taħtna. Fil-Milied l-Ingliżi ta' hemm, imdorrijin l-Ingilterra jaraw il-Bambin imdawwar bit-tajjar, taparsi bil-borra, u mdorrijin igħaddu magħluqin f'dik il-Btala Qaddisa mal-familja, fost l-ikbar hena, ħdejn in-nar, ma' ġenb iċ-ċumnija, nistħajjel illi mhix ġurnata hienja għalihom il-Milied, għax mhux il-Christmas, kif għandu jkun tabilħaqq. Fl-Awstralja, kemm fi Queensland, New South Wales, fit-Tasmania u fil-Western Australia mill-banda l-waħda, kemm fi New Zealand, Sandwich Island, u fil-Gżejjer

tal-Micronesia u tal-Polinesia, nhar il-Milied jaħbat l-aqwa tas-Sajf bħalma għedna iżjed il fuq. F'dan il-Jum Imqaddes in-nies ma humiex sejrin joqogħdu magħluqin id-dar. Min isofri dik is-sħana? Iżda b'nofs ilbies, f'għomma li tifga n-nies, ifittxu l-plajja, imorru jimirħu jew fuq il-*canoes* (fregatini) jibborjaw jew igħumu, jew joħorġu barra mill-bliet f'xatt il-baħar bħalma nagħmlu aħna meta, fis-sajf, infittxu iż-żiffa, ta' San Pawl-il-Baħar, ta' Wied il-Għajn, ta' Birżebbuġa, tal-Għemieri u x'naf. "It-Tarbija Mqaddsa twieldet," iħabbarhom il-qassis, fil priedka ta' nofs il-lejl li jaħbat lejlet il-Milied tagħna, "Gesù twieled imterter bil-bard; f'xitwa l-iżjed qalila, mingħajr ma kellu ftit xarbitelli biex bihom Omm Verġni tgeżwru fihom. Il-Għar fejn twieled aktarx iħares lejn il-Punent minn fejn kienet tfewweġ żiffa l-iżjed rieżħa, u l-borra u x-xita jqattru fuq il-maxtura fejn l-Omm ħanina midditu"...... Kemm hu f'siktu l-qawl latin li jgħid: *Duo cum faciant idem, non est idem.* Jiġifieri: F'żewġ ħwejjeġ xorta, iżda mingħajr ma huma xorta. L-istess Milied, u l-istess siegħa; il-wieħed f'nofs ta' lejl u fix-xitwa, u l-ieħor f'nofs in-nhar u fis-sajf.

Minn dak li s'issa ktibna, waħda hi l-konsegwenza li wieħed għandu jiġbed. X'inhi tgħiduli? Dik li San Pawl Missierna jmur jistqarr: "*Christus heri et hodie, Ipse et in saecula*". Kristu, il-bieraħ u l-lum, Hu minn dejjem sa dejjem.

Għalhekk ser nagħmel din il-mistoqsija: Kristu twieled fil-25 ta' Diċembru, iżda x'ħin twieled sewwa? F'nofs il-lejl? Le! Kristu twieled fil-ħinijiet kollha, u ma' tul il-jum kollu tal-25 ta' Diċembru, min-nofs il-lejl sa ma wasal nofs-il-lejl ieħor. Simblu tassew tad-Divinità Tiegħu bla bidu u bla tmiem.

Mera li juri, meta Malta ddoqq il-Glorja, liema huma l-pajjiżi li daqqew qabel, u liema dawk li jdoqqu wara.

| Pajjiżi li jdoqqu qabel | | | Pajjiżi li jdoqqu wara | | |
|---|---|---|---|---|---|
| Goccia | 11 | p.m. | Ingilterra | 1 | a.m. |
| Stambul u r-Russja | 10 | ,, | Spanja | 1.30 | ,, |
| *Betleem* | 9 | ,, | Canary Islands | 2 | ,, |
| India | 8 | ,, | Pernambuko | 3.30 | ,, |
| Bombay | 7 | ,, | Rio de Janeiro | 4 | ,, |
| Kalkutta | 6 | ,, | Newfoundland | 5 | ,, |
| Singapore | 5 | ,, | Buenos Aires | 6 | ,, |
| Perth W. A. | 4 | ,, | New York | 7 | ,, |
| Vladivostok | 3 | ,, | Chicago | 8 | ,, |
| Melbourne u Sydney | 2 | ,, | California | 9 | ,, |
| New Zealand | 1 | ,, | Klonayke | 10 | ,, |
| | | | Honolulu | 11 | ,, |
| Nofs in-nhar tal-24 Diċembru. | | | Nofs in-nhar tal-25 Diċembru | | |

**Kan. G. M. Farrugia.**

# IĊ-ĊURKETT TAT-TIEĠ

Fost il-ħafna għamliet ta' ċerimonji li bihom isir iż-Żwieġ imqaddes, insibu li sewsew kif il-għarajjes, fuq l-altar, jagħtu l-kelma li jkunu ta' xulxin għal dejjem, dak il-ħin sewwa, il-qassis, liebes l-istola bajda, ibierek ċurkett, jagħtih lill-għarus sabiex dan iqiegħdu fir-raba' saba' ta' l-id ix-xellugija tal-għarusa.

Din iċ-ċeremonja taċ-ċurkett għandha bidu qadim ferm qalb l-insara, l-għaliex Tertulljan, li għex mis-sena 160 sal-240 W. K., isemmih u jitkellem fuqu, (1) u l-qaddis Isidor minn Sivilja, li miet fis-sena 686, mhux biss li jsemmih, imma jgħid ukoll li l-għarus kien jagħti ċ-ċurkett lill-għarusa *b'sinjal ta' mħabba,* u kien ixiddulha *fir-raba' saba' l-għaliex, kif igħidu, minnu tgħaddi vina tad-demm li twassal sal-qalb* (2).

Din id-drawwa taċ-ċurkett fit-Tieġ, l-insara ma kinux ħaduha minn fuq il-Lhud, il-għaliex dawn fit-Tieġ aktarx li kienu jagħtu lill-għarusa flus u mhux ċurkett; imma minn fuq ir-Rumani fejn l-għarus kien jagħti lill-għarusa ċurkett bħala xhieda ta' rabta bejniethom u tħejjija għat-Tieġ. U din id-drawwa qalb ir-Rumani kienet bil-bosta qadima wkoll; ara kemm hu hekk li Plawto, li għex fuq il-200 sena qabel il-miġja ta' Kristu fid-dinja, isemmiha u jitkellem fuqha (3). Fil-bidu dan iċ-ċurkett kien ikun tal-ħadid, u hekk baqa' għal ħafna żmien, meta wkoll f'Ruma kienet daħlet id-drawwa tat-tiżjin tas-swaba' biċ-ċrieket ted-deheb, (4) u mix-xhieda ta' xi Kodiċijiet tas-seklu VII insiru nafu wkoll li dan iċ-ċurkett kien jagħti qawwa hekk kbira lir-rabta ta' bejn l-għarajjes illi dawn ma kinux jistgħu jħallu lil xulxin iktar jekk mhux bir-rieda it-tajba tat-tnejn flimkien. (5)

Fil-1872 fil-belt ta' Sirakusa nstab wieħed minn dawn iċ-ċrieket antiki tat-Tieġ li hu aktarx tas-seklu VII, u l-lum

(1) P. L., T. I, p. 353,
(2) De Eccles. Off., II, 20.
(3) Miles gloriosus, IV, I, 11.
(4) P. L., I. c.
(5) Pertz : Monum. Germ. hist. Leg. Vol. IV, p. 122.

jinstab merfugħ fil-Mużew ta' Palermu. Dan iċ-ċurkett hu tad-deheb u fil-għajn jew wisa' tiegħu jidher minqux Kristu li qiegħed ipoġġi kuruna ta' ward fuq ir-ras ta' żewġ għarajjes. Ma' dwarhom jidhru minquxin xi kelmiet bil-grieg meħudin mill-Kotba Mqaddsa li bil-malti jfissru : ***Bħala tarka tal-ħniena tiegħek inti nkoronajtna*** (6). Madwar iċ-ċurkett imbagħad jidhru minquxin ukoll seba' xeniet sbieħ meħudin mill-Vanġelu. U fil-Kappella tat-Tieġ tal-Madonna ma' San Ġużepp fil-Katedral ta' Peruġja, igħidu li jinsab iċ-ċurkett tat-Tieġ ta' Sidtna Marija. Donnu magħmul mirrħam abjad jew alabastru, imma aktarx li hu ta' ħaġar l-iktar fin, ametista, tas-Sirja. (7)

Mix-xhieda li jagħtuna dawn il-għorrief li semmejna fuq u oħrajn ukoll li m'hemmx bżonn noqogħdu nsemmuhom b'isimhom, ma jidhirx li dan iċ-ċurkett kien jiġi mbierek qabel ma jingħata lill-għarusa. L-ewwel kotba li jitkellmu fuq it-tberik ta' dan iċ-ċurkett aktarx li huma dawk tal-Knisja Mozarabika ta' Spanja, miktubin fis-seklu XI. Dan it-tberik, skond dawn il-kotba, ma kienx jista' jsir f'dar il-għarajjes, imma jew fil-Knisja jew fil-bitħa tagħha. (8). Iżda, billi mal-għoti taċ-ċurkett kienet tiġi mogħtija d-dota wkoll jew tinqara r-rabta ta' bejn l-agħrajjes, u billi l-Knisja fis-seklu XII għamlet għażla sħiħa u ċara bejn *għerusija* u *Tieġ*, aktarx li minn dak iż-żmien il hawn dak iċ-ċurkett li kien jintagħta lill-għarusa fl-għarusija, beda jitbierek u jingħata lilha fit-Tieġ.

P. P. T.

(6) Salm V, 12.
(7) Less. Eccl., Vol. I.
(8) Martène : De Antiq. Eccl. Ritibus.

# IL-PRESEPJU U S-SALIB

Fi twelidek lit-tfal henni,
O Ġesù, lit-tfal ċkejknin:
Tfajjel Inti, tfajlin huma,
Għandkom l-hena tat-tajbin.

Jiena rrid narak fil-milja
Tar-rġulija, o Ġesù tiegħi,
Nisma' f'kelmtek l-għerf tas-Sema,
L-hemm tal-ħajja taqsam miegħi.

Mis-Salib tiġbidni iżjed
Dirgħajk beraħ miftuħin,
Titlob maħfra għal min sallbek,
Trodd il-ħajr lill-midinbin.

DUN KARM.

24-12-34

# GĦAJDUT MALTI

*(Jissokta mal-paġ. 104),*

93. F'radda ta' salib
94. Kemm tgħid kredu
95. Ġieb għajnejh wara widnejh
96. Toħroġx għaġeb kemm jixxiebhu
97. Fula maqsuma.
98. Is-sewwa ħabib Alla.
99. Nibqa' nafhulek sa ma t-trab jaqa' fuq għajnejja.
100. Sebgħi dritt
101. Ħadd ma jħammarli wiċċi
102. Infexx jibki
103. Mur għidlu li....
104. Bħal dak li qallu
105. Żaqqu ma' dahru.
106. Mur obsor
107. Ħu għalih

108. Barra-minn-hawn seba' ħarat bogħod
109. ..... 'kkma tridx (libset il-kappell)
110. Ħudha ġo fik
111. Arani u la tmissnix (imdandan)
112. Għaffiġha...
113. Talgħetlu l-mustarda
114. Faqqagħha...
115. Ġismi tala' xewk-xewk.
116. Suret in-nies.
117. Trid titmagħni r-ross bil-labra
118. Trid tgħatti x-xemx bil-għarbiel.
119. Aħna taż-żejjed u n-nieqes?
120. Min jaf x'għad joħroġ għażlu dak....
121. Ġiet faqgħa fuqi
122. Siequ fil-ħofra
123. Dahru mal-ħajt.
124. ~~Fommu taż-zokkor~~
125. Wiċċu rqiq.
126. Il-ħaxu mal-għaġina
127. Ta' fuqu senduqu
128. Idu ħafifa
129. Sieqek hawn oħra hemm.
130. Għajta fl-art oħra fis-sema
131. Bis-sewwa jew bid-dnewwa
132. Islifni wiċċek.
133. Wiċċ il-għatba tal-klistlanija.
134. Taf x'hemm mill-ġdid
135. Miet ħesrem
136. Għajnu għokritu
137. Ma jagħmillux għajb
138. Ma jitlifx berrittu fil-folla
139. Mal-ħaġra t-tajn
140. Rasu kwadra
141. Qaddisu ma jagħmilx vġili
142. Miet ħmar
143. Ma jiswiex tebaq fwiedu
144. Tiġi boċċa mal-likk
145. Ommu m'għamlitlux qoċċija
146. Ifittex ix-xagħra fil-għaġina
147. ~~Ġuvni donnu bandiera~~
148. Qoffa tiela u oħra nieżla

(*Jissokta*) V. M. B.

# X'WASLILNA

Sal-lum hawn eluf li qraw "L-Ewwel Ktieb" tal-"Ġabra ta' Ward" midmum u maħruġ taħt l-isem ta' E. B. Vella, għall-Iskejjel Elementari tal-Gvern. Jisgħobbina li aħna ma stajniex nitkellmu minnu qabel.

Il-ktieb, mitbugħ Londra, mill-Oxford University Press.

L-Illustrazzjonijiet huma xogħol ta' R. Caruana Dingli.

Jidhrilna illi l-ktieb hu maħdum tajjeb biż-żejjed, sewwa fil-materjal u sewwa fit-taqsim u fiż-żîna li titlob is-sengħa.

Minn għat-tagħlim li fih u għad-dehen li bih it-tagħlim hu mqassam u meqjus li jġib għall-intelligenza tat-tfal żgħar, il-ktieb jidhrilna li hu xierak u sabiħ : kollox ħafif, kollox qasir, kollox jixgħel il-fantasija u l-qalb taċ-ċkejknin.

L-ortografija hi dik tal-Għaqda tal Kittieba tal-Malti, il-lum magħrufa mill-Gvern u magħżula għall-pubblikazzjonijiet tiegħu.

Meta nqisu ma' kemm twegħir għandu wieħed jiltaqa' fil-ġabra, fit-tqassim u fin-nisġa ta' ktieb bħal dan, ma nistgħux ma ngħidux minn qalbna "Prosit".

* * *

Dawn il-ġranet ħareġ wkoll il-ktieb ta' l-istorja ta' Malta taħt l-isem ta' *"Il-Gżejjer ta' Malta u l-ġrajja tagħhom"* mit-tabib Sir Temi Zammit, mitbugħ it-tieni darba u mirqum u miżjud. Ma hemmx bżonn ingħidu fit-tul fuqu, dan il-ktieb, għax hu magħruf tajjeb hu hekk imfittex li l-kittieb kellu joħroġ din it-tieni ħarġa tiegħu. Nittamaw li dan il-ktieb jimxi fl-idejn ta' kulħadd l-ewwelnett għax, bħala Storja ta' Malta, għandu jkun f'idejn kulħadd, l-iżjed f'idejn it-tfal u ż-żgħażagħ u mbagħad għax miktub tajjeb b'Malti mill-aħjar u b'ortografija tajba—u għal dan huwa rahan biż-żejjed l-isem ta' Sir Temi Zammit.

# IL-WERREJ
# TAL-GĦAXAR SENA


| | | faċċata |
|---|---|---|
| Wara Disa' Snin | | 3 |
| Lill-Baħar | Mons. Gauci | 5 |
| Otia Aestiva | Dun Karm | 6 |
| Kif iduru r-Rjieħ ma' Malta | V.M.B. | 10 |
| Żeżina u Żewġha Belinn | T.Z. | 11 |
| Ir-Rażna | Dun Karm | 13 |
| Tagħlim għat-tfal (dwar il-kwiekeb) | A.C. | 14 |
| Lapsi' | T.Z. | 17 |
| L-Id ta' l-Imgħallem | R.M.B. | 20 |
| Serq mill-Knisja ta' Lampedusa | G. Gatt | 21 |
| Ta' l-Aħħar jiġu l-Ewwel | R.M.B. | 25 |
| Il-Madonna ta' Trapani | G. Gatt | 28 |
| Iż-Żrigħ bikri għalih ikri.... | V.M.B. | 30 |
| Ir-Riħ u l-Pinnur | R.M.B. | 31 |
| Kotba li waslulna | | 32-144 |
| Poeżija tagħna | | 33 |
| Taqriq-il-għajnejn | V.M.B. | 34 |
| L-Aħħar tislima ta' Wolsey | * | 35 |
| Iż-Żjara tiegħi lil G.K.C. | Dun Karm | 36 |
| L-Arloġġ tal-Baxa | T.Z. | 39 |
| "Katrin ta' l-Imdina" ta' Dwardu Cachia | Dun Karm | 42 |
| Mikiel Anton Vassalli | A.C. | 59-91-129 |
| L-Abbati tal-Palazz tas-Sinjura Bettina | Kan. G. M. Farrugia | 62 |
| Ir-Rev. C. L. Dessoulavy ta' Londra hawn Malta | | 65 |
| Kemm hu kbir il-Amar t'Alla | R.M.B. | 68 |
| Siġar u Ismijiet ta' xi Rħula | T.Z. | 69 |
| Liż-Żahrija | V.M.B. | 70 |
| L-Istorja tal-Musbieħ | L.C. | 71 |
| Il-Ġilju u l-Warda | P.P.M.B. | 75 |
| Sika trid tiżżewweġ.... | R.M.B. | 78 |
| Qassis Ġdid | Dun Karm | 80 |
| Verbi bil-*għ* fl-aħħar u Verbi neqsin | F.S. Caruana | 81 |

faċċata


Mhux dejjem tiġi Żewġ . . . . . T.Z. 88
Il-Bandiera Tagħna . . . . . Mons. Gauci 90
Il-Ħalliel tal-Mejtin . . . . . N. Biancardi 95
Jixraq ħafna li tispiċċa . . . . . Dun Karm 97
Kotba u Rivisti stampati bl-Ortografija u l-Alfabet tal-*Għaqda tal-Kittieba tal-Malti*. 99
Lill-Kelb . . . . . . . . Dun Karm 101
Għajdut Malti . . . . . . . V.M.B. 142
Wara Għaxar Snin. . . . . . . 105
Il-Milied . . . . . . . . T.Z. 107
Poeżija Maltija fi Lsien Barrani . . . Dun Karm 109
Verbi bil-*għ* fil-bidu u Verbi bil-*għ* jew *h* fin-nofs . . . . . . . . . F. S. Caruana 114
April . . . . . . . . . R.P. 121
Żwieġ mhux mitmum . . . . . Dun Pawl 122
Marsa Mxetta . . . . . . . C.L.Dessoulavy 127
Lil Marija . . . . . . . . Dun Karm 133
It-tieni safra ta' Sandabad il-Baħri . . . Saydon 134
Fl-Antipodi . . . . . . Kan. G. M. Farrugia 137
Iċ-ċurkett tat-Tieġ. . . . . . . P.P.T. 140
Il-Presepju u s-Salib . . . . . Dun Karm 142